

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## ta' l-Unjoni Ewropea

L 243

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

11 ta' Settembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja*

## REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 880/2008 ta' l-10 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 881/2008 tad-9 ta' Settembru 2008 li jipprojbixxi s-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond fl-ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi fiż-żoni V, VI, VII, VIII u IX min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall** ..... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 882/2008 tad-9 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi proj-bizzjoni tas-sajd għat-tusk fl-ilmijiet tal-KE u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza** ..... 5

II Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja

DEĊIŻJONIJIET

**Kummissjoni**

2008/722/KE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 2007 Dwar l-ghajjnuna mill-istat C 2/06 (ex N 405/05) li l-Greċja qed tippjana li tagħti fir-rigward ta' l-iskema ta' irtirar volontarju kmieni ta' l-OTE (notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1436) <sup>(1)</sup>.....** 7

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obligatorja)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 880/2008

ta' l-10 ta' Settembru 2008

li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Settembru 2008.

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

## ANNEX

## il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur fiss ta' l-importazzjoni
0702 00 00	MK	22,3
	ZZ	22,3
0707 00 05	JO	156,8
	MK	64,6
	TR	106,2
	ZZ	109,2
0709 90 70	TR	88,4
	ZZ	88,4
0805 50 10	AR	70,4
	UY	50,2
	ZA	80,9
	ZZ	67,2
0806 10 10	IL	235,4
	TR	97,4
	US	158,2
	ZZ	163,7
0808 10 80	BR	55,2
	CL	89,4
	CN	75,3
	NZ	100,1
	US	97,2
	ZA	79,6
	ZZ	82,8
0808 20 50	CN	95,8
	TR	140,0
	ZA	104,9
	ZZ	113,6
0809 30	TR	136,0
	US	182,4
	ZZ	159,2
0809 40 05	IL	121,4
	MK	22,0
	TR	80,6
	XS	64,2
	ZZ	72,1

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi ffixxata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 881/2008

tad-9 ta' Settembru 2008

li jipprojbixxi s-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond fl-ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi fiż-żoni V, VI, VII, VIII u IX min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Portugall

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika komuni tas-sajd <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-fond [traduzzjoni mhux uffiċjali] <sup>(3)</sup> jstipula kwoti għall-2007 u l-2008.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Settembru 2008.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data għandu jkun ipprojbit ukoll li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

Artikolu 3

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28.

## ANNEX

Nru	04/DSS
Stat Membru	Il-Portugall
Stokk	DWS/56789-
Speċi	Klieb il-Baħar tal-Fond
Żona	Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' V, VI, VII, VIII u IX
Data	4.8.2008

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 882/2008****tad-9 ta' Settembru 2008****li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għat-tusk fl-ilmijiet tal-KE u internazzjonali taż-żoni V, VI u VII min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Franza**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [għall-Politika Komuni tas-Sajd] <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/2008 tas-16 ta' Jannar 2008 li jstabbilixxi għall-2008 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji filmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid <sup>(3)</sup>, jstabbilixxi l-kwota għall-2008.
- (2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata lilhom għall-2008.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data, għandhom ikunu pprojbiti wkoll iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art ta' ħut mill-istokk imsemmi, maqbuda minn dawk il-bastimenti.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Id-Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

<sup>(1)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(2)</sup> ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 19, 23.1.2008, p. 1.

## ANNEX

Nru	34/T&Q
Stat Membru	Franza
Stokk	USK/567EI.
Speċi	Tusk ( <i>Brosme brosmé</i> )
Żona	L-ilmijiet tal-KE u dawk internazzjonali ta' V, VI u VII
Data	23.7.2008



## II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Mejju 2007

**Dwar l-ghajjnuna mill-istat C 2/06 (ex N 405/05) li l-Greċja qed tippjana li tagħti fir-rigward ta' l-iskema ta' irtirar volontarju kmieni ta' l-OTE**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 1436)

(Il-verżjoni Griega biss hija awtentika)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/722/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom għal id-dispożizzjoni(jiet) <sup>(1)</sup> u wara li kkunsidrat dawk il-kummenti,

Billi:

## I. PROĊEDURA

(1) B'ittra reġistrata fil-11 ta' Awwissu 2005, l-awtoritajiet Griegi nnotifikaw il-kontribuzzjoni finanzjarja pplanata ta' l-Istat Grieg għall-iskema ta' rtirar volontarju kmieni offruta mill-OTE lil ċerti kategoriji ta' l-impjegati tagħha.

(2) B'ittra tat-23 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni talbet informazzjoni addizzjonali rigward il-miżura nnotifikata. Wara li talbu u ngħataw estensjoni, l-awtoritajiet Griegi ippreżentaw aktar informazzjoni b'ittra reġistrata mill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2005. Fit-22 ta'

Diċembru 2005, l-awtoritajiet Griegi ssupplimentaw ir-risposta tagħhom msemmija hawn fuq b'informazzjoni addizzjonali.

(3) B'ittra datata t-8 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni informat lill-Greċja li hija ddeċidiet li tibda l-proċedura fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat KE rigward il-miżura in kwistjoni u talbet biex tingħata informazzjoni dwar numru ta' kwistjonijiet.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tibda l-proċedura kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>. Il-Kummissjoni sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom.

(5) Fit-3 ta' Mejju 2006, il-Greċja ppreżentat il-kummenti tagħha kif ukoll l-informazzjoni mitluba mid-deċiżjoni msemmija hawn fuq. Aktar informazzjoni kienet ippreżentata fl-14 ta' Lulju 2006, fit-2 ta' Awwissu 2006 u fit-3, fil-5, fis-6 u fid-9 ta' Ottubru 2006.

(6) Fil-31 ta' Lulju 2006, il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn waħda mill-partijiet interessati li talbet l-anonimità u għaddiethom lill-Greċja, li ngħatat l-opportunità li tirrispondi.

<sup>(1)</sup> ĠU C 151, 29.6.2006, p. 2

<sup>(2)</sup> Idem.

- (7) Fit-18 ta' Ottubru 2006, il-Greċja ppreżentat ir-risposta tagħha għall-kummenti ppreżentati mill-parti interessata msemmija hawn fuq. Bil-kunsens tal-Greċja, il-Kummissjoni għaddiet l-imsemmija risposta lill-parti interessata.

## II. DESKRIZZJONI FID-DETTALL TA' L-GĦAJNUNA

### 1. Il-benefiċjarju

- (8) L-Organizzazzjoni Griega tat-Telekomunikazzjoni (OTE) ġiet stabbilita fl-1949, u hija kumpanija kummerċjali pubblika elenkata fil-Borża ta' Atena u fil-boroż ta' New York (NYSE) u ta' Londra (LSE).
- (9) Qabel il-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq Grieg tat-telekomunikazzjoni fl-1 ta' Jannar 2001, l-OTE kienet l-unika fornitriċi ta' servizzi telefoniċi fissi tal-vuċi u netwerks ta' telekomunikazzjoni fil-Greċja, inklużi servizzi ta' komunikazzjoni lokali, għal distanza twila u internazzjonali. Illum, l-OTE hija preżenti kważi fis-setturi kollha tas-suq usa' tal-komunikazzjoni elettronika (komunikazzjoni fissa, ċellulari, Internet, marittima u satellitari) kemm bħala operatriċi tan-netwerk kif ukoll bħala fornitriċi tas-servizz.
- (10) Wara l-liberalizzazzjoni sħiħa f'Jannar 2001 segwita bidhul fis-suq ta' operaturi ta' komunikazzjonijiet elettro-niċi alternattivi, is-sehem fis-suq ta' l-OTE għal telefonati bil-vuċi (fissi), waqa' gradwalment minn 94 % fl-2002 għal 73 % fl-aħħar ta' l-2005<sup>(3)</sup>. Bl-istess mod, it-tnaqqis fis-sehem mis-suq kif ukoll it-tendenzi teknoloġiċi usa', bħas-sostituzzjoni minn telefonija fissa għal dik ċellulari, wasslu wkoll għat-tnaqqis tad-dħul fiss ta' l-OTE minn madwar EUR 3.4 biljun fl-2001 għal madwar EUR 2.6 biljun fl-2005. It-tnaqqis fid-dħul ma kienx akkumpanjat bi tnaqqis fl-ispejjeż operattivi u l-kumpanija fl-2004 rreġistrat għall-ewwel darba fl-istorja tagħha telf operattiv nett. Minkejja dan ta' hawn fuq, l-OTE llum tibqa' l-operatriċi ewlenija fil-forniment ta' servizzi telefoniċi fissi tal-vuċi u tgawdi sitwazzjoni kważi monopolistika bħala l-unika fornitriċi ta' aċċess għal netwerk fis-suq tat-telefonija fissa<sup>(4)</sup>.

<sup>(3)</sup> Skond ir-Rapport Annwali OTE 2005, li jinsab fuq [http://www.ote.gr/english/investorrelations/Files/OteAnnualReport05English\\_Final.pdf](http://www.ote.gr/english/investorrelations/Files/OteAnnualReport05English_Final.pdf)

<sup>(4)</sup> Skond l-aħħar "Rapport ta' Implimentazzjoni" tal-Kummissjoni, "f'Settembru 2005 kien hemm 24 operatur tat-telefonija tal-vuċi fissi pubbliċi awtorizzati li 13 minnhom kienu qed joffru kummerċjalment servizzi ta' telefonija tal-vuċi fissi fuq netwerk mikri jew tagħhom stess. Dawn jinkludu lill-operatur uffiċjali iżda ma jinkludux lil operaturi li qed jaġixxu bħala bejjiegħa mill-ġdid jew fornituri ta' servizzi mħallsin minn qabel. Għalkemm l-operatur uffiċjali għadu b'saħħtu fis-suq tas-sejħiet fissi, kien hemm xi progress sinifikanti lejn aktar kompetizzjoni, rifless fil-fatt li s-sehem fis-suq tad-dħul tal-bejgħ bl-impnut ta' l-operatur uffiċjali waqa' minn 85 % f'Diċembru 2003 għal 76 % f'Diċembru 2004, waqt li kien hemm tliet operaturi addizzjonali oħrajn li, flimkien ma' l-operatur uffiċjali, kienu jammontaw għal 90 % tas-suq" ara "Anness għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ewropew Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Ir-Regolazzjoni u s-Swieq tal-Komunikazzjoni Elettronika Ewropea 2005 (il-11-il Rapport)" COM(2006)68 finali, f'paġna 120, [http://ec.europa.eu/information\\_society/policy/ecom/doc/implementation\\_enforcement/annualreports/11threport/sec\\_2006\\_193-vol1.pdf](http://ec.europa.eu/information_society/policy/ecom/doc/implementation_enforcement/annualreports/11threport/sec_2006_193-vol1.pdf)

- (11) Fil-Greċja, il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-komunikazzjoni elettronika (sa mill-1 ta' Jannar 2001) ma kienx akkumpanjat bi privatizzazzjoni sħiħa ta' l-OTE. Fiż-żmien tan-notifika, l-Istat Grieg kellu 38 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanija, filwaqt li l-kapital rimanenti kien jappartjeni għal investituri istituzzjonali Griegi (12 %), investituri internazzjonali (29 %), il-Hellenic Exchangeable Finance S.C.A. (11 %) u l-pubbliku ġenerali (10 %). F'Awwissu 2005, permezz ta' tranżazzjoni ta' bonds skambjabbli, il-Hellenic Exchangeable Finance biegħet lill-Istat Grieg sehem ta' 10 % f'OTE biex naqqset is-sehem tagħha fiha għal 38,7 %.

- (12) Madankollu, irrispettivament mil-liberalizzazzjoni sħiħa tas-suq u l-privatizzazzjoni parzjali tiegħu, l-OTE baqgħet soġġetta għal-liġijiet u l-ftehim tat-*trade unions* adottati qabel il-liberalizzazzjoni. Bħala riżultat il-qafas legali applikabbli għall-OTE għandu diversi aspetti partikolari meta mqabbel mar-reġim tal-liġi komuni applikabbli għall-kompetituri tagħha. B'mod partikolari, (i) l-impjegati ta' l-OTE jgawdu *de facto* minn status permanenti<sup>(5)</sup>, u (ii) l-OTE tiffaċċja spejjeż tax-xogħol addizzjonali (jiġifieri kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min iħaddem u ta' l-impjegati oġhla, salarji oġhla għal impjegati inqas kwalifikati u ħlasijiet ta' kumpens miżjudin fil-każ ta' rtirar). L-aspetti ewlenin tar-reġim tal-liġi tax-xogħol applikabbli għall-OTE huma mniżżlin hawn isfel fpunti 13 sa 18.

### 2. Reġim tal-liġi tax-xogħol applikabbli għall-OTE

- (13) Sa issa, l-OTE tibqa' soġġetta għal numru ta' liġijiet speċifiċi u "ftehim kollettivi ta' impjieg" li kienu adottati qabel il-liberalizzazzjoni fl-2001 u li jidderogaw mil-leġislazzjoni tax-xogħol preżenti applikabbli għal kumpaniji pubbliċi oħrajn fil-Greċja. B'mod partikolari, l-obbligi ta' l-OTE lejn l-impjegati tagħha huma rregolati minn (a) il-liġi Griega dwar l-impjieg, (b) "Ftehimiet Kollettivi ta' l-Impjieg" negozjati bejn l-OTE u l-*union* ta' l-impjegati ("OME-OTE"), l-aktar qabel ma kien liberalizzat is-suq, u (ċ) l-istatut ġenerali dwar l-impjieg (SGI) ta' l-OTE.
- (14) Il-leġislazzjoni tax-xogħol applikabbli għall-OTE għandha diversi karatteristiċi partikolari meta mqabbla mar-reġim tal-liġi komuni.

<sup>(5)</sup> Is-sigurtà li jgawdu l-impjegati ta' l-OTE ġeja mill-Artikolu 2(2)b tal-Liġi Nru 2257/94, li tirtatiffika l-istatut ġenerali dwar l-impjieg ta' l-OTE. Skond l-Artikoli 2 u 17 ta' l-istatut, l-OTE ma tistax tittermina unilaterament kuntratt ta' impjieg. Dan jimplika li l-OTE ma tistax topera liberament fis-suq billi tagħżel l-impjegati li għandhom iħallu u billi tisforzohom unilaterament biex jitolqu wara li toffrihom kumpens legali bħala tpaċija.

- (15) L-ewwelnett, l-impjegati kollha tagħha jgawdu status kważi permanenti *de facto*. Skond l-Artikoli 2 u 17 tas-SĠI, l-OTE ma tistax unilateralmment tannulla kuntratt ta' impjieg u għalhekk tnaqqas l-istaff ta' impjegati tagħha. Skond il-Liġi Griega 2257/1994, id-dispożizzjonijiet tas-SĠI ta' l-OTE igawdu mill-istess status vinkolanti bħal kwalunkwe liġi Griega oħra. Bħala riżultat, l-istatus ta' l-impjieg ta' l-impjegati ta' l-OTE ma jistax jiġi mmodifikat mingħajr il-kunsens ta' dawn ta' l-aħħar u l-mogħdija ta' liġi li tagħmel dan effettiv.
- (16) It-tieninett, l-OTE trid tħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal impjegati reklutati qabel il-31 ta' Diċembru 1992 <sup>(6)</sup> b'rati li jaqbu r-rati fissi skond il-liġijiet soċjali u tax-xogħol ġeneralment applikabbli. Għall-OTE, il-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem u ta' l-impjegati jammontaw għal 25 % u 11 % rispettivament, waqt li l-kontributi fis-settur privat jammontaw biss għal 13,33 % u 6,67 % rispettivament. Għall-impjegati reklutati sa mill-1 ta' Jannar 1993, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma simili għal daww fis-settur privat.
- (17) It-tieletnett, is-SĠI preżenti jipprojbixxi żidiet fis-salarji bbażati fuq konsiderazzjonijiet barra mill-isfond akkademiku ta' l-impjegat u s-sigurtà ta' impjieg fil-kumpanija. L-OTE għalhekk ma tistax tgħaddi għal żidiet fis-salarju bbażati fuq il-produttività u/jew il-kisbiet ta' l-impjegat. Abbażi ta' ftehimiet li ntlaħqu fl-imgħoddi tat-*trade unions*, l-impjegati l-ġodda jgawdu minn salarji bi dħul ogħla meta mqabblin mas-settur privat, waqt li jingħataw salarji aktar baxxi lil impjegati bl-esperjenza f'pożizzjonijiet manijerjali.
- (18) Finalment, skond il-qafas legali applikabbli, l-OTE trid tagħmel ukoll pagamenti ta' somma ta' darba ogħla għall-impjegati li jirtiraw. Ma' l-irtirar, l-impjegati ta' l-OTE jirċievu żewġ somom ta' darba: (a) somma ta' darba imposta mil-liġi, ekwivalenti għal 11.6 drabi ta' l-aħħar salarju gross ta' xahar; u (b) somma ta' darba statutorja nnegozjata bejn l-OTE u l-*unions* ta' massimu ta' EUR 20 100, flimkien ma' 9 ħlasijiet ta' salarju gross ta' xahar (imqabbal ma' 9,6 ħlasijiet ta' salarju fil-każ ta' kumpaniji privati).

### 3. Skema ta' l-irtirar

- (19) L-impjegati ta' l-OTE huma obbligati jirtiraw (*irtirar obbligatorju*) meta (a) ilestu 35 sena ta' servizz sħiħ jew (b) ilestu 30 sena ta' servizz sħiħ u jilħqu l-età ta' 58 sena; jew (c) meta jilħqu l-età ta' 62 sena u jikkonformaw mas-snin minimi ta' servizz skond il-liġi, jiġifieri 15-il sena jew 4 500 jum ta' xogħol. Daww li huma intitolati għal pensjoni iżda li ma laħqux l-età għal irtirar obligatorju jistgħu jkopleu jaħdmu sakemm jilħqu din l-età.

<sup>(6)</sup> Din il-kategorija ta' impjegati tammonta għal 84 % tal-ħaddiema tal-kumpanija.

- (20) Ma' l-irtirar, l-impjegati ta' l-OTE huma intitolati għal pensjoni skond il-kondizzjonijiet imniżżlin fil-leġiżlazzjoni Griega tas-Sigurtà Soċjali li tapplika għal serje ta' fondi tal-pensjoni speċjali, inkluż il-Fond tal-Pensjoni ta' l-OTE. Dan ifisser li l-impjegati ta' l-OTE huma intitolati li jirċievu "*pensjoni sħiħa*", jiġifieri 80 % tas-salarju finali tagħhom. Il-pensjoni ewlenija għall-impjegati ta' l-OTE titħallas mill-Fond ta' l-Assigurazzjoni għall-impjegati ta' l-OTE tal-liġi pubblika ("*TAP-OTE*") <sup>(7)</sup>. Skema awżiljarja ta' assigurazzjoni tal-liġi pubblika ġestita mill-"*Fond Awżiljarju OTE*" tipprovdi addizzjonalment pensjoni awżiljarja massima ta' 20 % tas-salarju finali. Ir-reġim tal-pensjoni ġenerali (80 %) u tal-pensjoni awżiljarja (20 %) huma t-tnejn inkorporati fil-liġi u għalhekk huma obbligatori għall-OTE.

### 4. Ir-ristrutturar ta' l-OTE u l-VRS

- (21) Sabiex tkun żgurata l-vijabbiltà tal-kumpanija fuq medda ta' żmien twil, l-OTE f'Mejju 2004, abbażi ta' studju mwettaq minn ditta ta' konsulenti ("*McKinsey*"), adottat pakkett ta' miżuri ristrutturanti li l-element ewleni tagħhom hija l-iskema ta' Rtirar Volontarju ("*VRS*" – *Voluntary Retirement Scheme*). Bil-VRS, l-OTE timmira li tnaqqas in-numru ta' persunal "*permanent*" waqt li tkun tista' tirrekluta persunal ikkwalfikat ġdid li ma jibbenefikax aktar mill-istatus ta' *permanenza*.
- (22) Bħalissa l-OTE timpjega madwar 16 000 persuna li jibbenefikaw minn impjieg garantit. L-istudju McKinsey indika li l-OTE tista' topera u toffri l-istess tip ta' servizzi b'madwar 30 % impjegati inqas. Barra minn hekk, l-istudju jenfasizza l-ħtieġa għar-reklutaġġ ta' persunal ikkwalfikat kapaċi li jieħu ħsieb kwistjonijiet ta' IT, teknoloġiji ġodda, bejgħ ta' riklami, finanzi u kwistjonijiet regolatorji. L-età medja tal-persunal ta' l-OTE (47 sena) u l-fatt li perċentwal żgħir biss tal-ħaddiema preżenti (19 %) għandhom diploma minn università jew skola ogħla jigrava aktar l-inflessibbiltà tax-xogħol ma' l-OTE.
- (23) It-tneħħija ta' l-istatus permanenti tal-persunal li preżentament huwa impjegat mill-OTE – li setgħet tippermetti lill-OTE biex tnaqqas il-ħaddiema tagħha bħal kull kumpanija oħra – kienet tkun, skond l-Awtoritajiet Griegi, soġġetta għal dubji legali (kostituzzjonali) serji u għalhekk ma ġietx ikkunsidrata bħala għażla realistika. Meta jitqies l-istatus permanenti ta' l-impjegati ta' l-OTE kif preżentament miktub fil-kostituzzjoni, tnaqqis fil-ħaddiema kien possibbli biss bil-kunsens tat-*trade union* ta' l-impjegati ("*OME-OTE*"). F'dan ir-rigward, intlaħaq

<sup>(7)</sup> Il-fond tal-pensjoni ewleni għall-impjegati ta' l-OTE huwa t-TAP-OTE. It-TAP-OTE huwa korp legali indipendenti regolat mil-liġi pubblika, bħalma huma l-fondi tal-pensjonijiet l-oħrajn kollha fil-Greċja. Huwa għandu l-Bord tad-Diretturi tiegħu u dipartimenti ta' l-amministrazzjoni, il-baġit u l-finanzi. Huwa jkopri kemm impjegati ta' l-OTE kif ukoll impjegati ta' kumpaniji oħrajn. Huwa maqsum f'diviżjoni tal-pensjoni u diviżjoni tas-saħħa. Barra t-TAP-OTE, hemm ukoll Fond Awżiljarju. Il-Fond Awżiljarju ta' l-OTE għandu żewġ skemi, l-iskema ta' assistenza u l-iskema ta' assigurazzjoni awżiljarja. L-impjegati ta' l-OTE huma intitolati għal pensjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni Griega tas-Sigurtà Soċjali li japplikaw għall-fondi tal-liġi pubblika kollha, bħat-TAP-OTE. Kemm il-pensjoni ewlenija kif ukoll awżiljarja huma obbligatori skond il-liġi Griega.

ftehim għall-ewwel darba dwar l-VRS bejn l-OTE u t-trade union tal-kumpanija fi Frar 2005, bil-kondizzjoni li l-gvern jgħaddi leġiżlazzjoni li jagħtiha effett obligatorju. F'Mejju 2005, l-OTE kkonkludiet ukoll "Ftehim Kollektiv ta' l-Impjeg" kollaterali mat-trade union fejn ġie miftiehem li kull impjegat ġdid mhux ser jibbenefika aktar mill-istatus ta' permanenza.

- (24) Il-leġiżlazzjoni rilevanti ġiet infurzata fl-14 ta' Lulju 2005 (Liġi 3371/2005) u l-VRS li dwarha ntlaħaq ftehim bejn l-OTE u t-trade union ġiet iffinalizzata fl-20 ta' Lulju 2005. Din ipprovdiet il-qafas legali meħtieġ biex l-OTE toffri rtirar kmieni lil madwar 6 000 persuna waqt li fl-istess ħin tkun tista' tħaddem persunal ġdid (madwar 1 200 ruħ) soġġett għal-liġijiet ordinarji tax-xogħol (jiġifieri mingħajr benefiċċju ta' permanenza).
- (25) Id-dritt għall-irtirar kmieni ingħata lill-impjegati li fl-2012 ser jilhqg l-età ta' rtirar obligatorju (jiġifieri l-età ta' 58 sena bi 30 sena ta' servizz, jew 35 sena sħaħ ta' servizz, jew l-età ta' 62 sena u 15-il sena ta' servizz). L-impjegati li jagħżlu rtirar kmieni ser jibbenefikaw mir-rikonoxximent tas-snin ta' servizz rimanenti ("snin nazżjonali") u l-istess impjegati jkunu intitolati għal ħlasijiet ta' pensjonijiet immedjati. Ir-rikonoxximent ta' massimu ta' tmien snin nazżjonali ta' impjeg huwa l-bażi għall-kalkolu ta' l-iskemi tal-pensjoni ewlenin u awżiljarji kif ukoll taż-żewġ ħlasijiet ta' darba ta' l-irtirar (wieħed mill-OTE u wieħed mill-Fond Awżiljarju).
- (26) Impjegati oħrajn li huma qrib l-irtirar u diġà jikkonformaw mal-ħtiġiet ġenerali għad-drittijiet sħaħ tal-pensjoni ser jibbenefikaw biss minn ħlasijiet ta' darba bejn EUR 5 000 u EUR 30 000 <sup>(8)</sup>.
- (27) Skond l-awtoritajiet Griegi, il-kondizzjonijiet tal-VRS preżenti kellhom ikunu aktar ġenerużi minn miżuri ta' rtirar kmieni simili fil-passat sabiex jiżguraw rispons massimu mill-impjegati <sup>(9)</sup>.

### 5. Qafas legali għall-VRS u l-finanzjament tiegħu

- (28) Wara l-iffirmar ta' ftehim bejn l-OTE u t-trade unions għall-implimentazzjoni tal-VRS fl-14 ta' Lulju 2005, il-Parlament Grieg daħħal fis-seħħ il-Liġi Nru 3371/2005. L-Artikolu 74 tagħha jagħti l-effett legali meħtieġ lill-VRS u jstabbilixxi l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istat għal din l-iskema.

<sup>(8)</sup> Impjegati li diġà lestew 30 sena ta' servizz u huma intitolati għal pensjoni mhux ser jibbenefikaw mir-rikonoxximent ta' snin nozzjonali (jiġifieri l-pensjoni sħiħa) iżda ser jingħataw inċentivi addizzjonali.

<sup>(9)</sup> Fil-fatt, skema ta' rtirar kmieni preċedenti kienet aċċettata biss minn madwar 75 % ta' l-impjegati, li kien ikkunsidrat bħala limitat ħafna.

- (29) B'mod partikolari l-Artikolu 74 tal-Liġi jagħti lill-impjegati permanenti ta' l-OTE, li jilhqg l-età ta' rtirar statutorja sal-31 ta' Diċembru 2012, il-possibbiltà li jitolbu rilaxx immedjat waqt li jirċievu l-pensjoni li kieku kienu jirċievu kieku baqgħu impjegati mill-OTE sad-data ta' hawn fuq. Għal dik il-fini, l-impjegati għandhom jingħataw rikonoxximent għal ħin fittizju ta' impjegat kemm huwa meħtieġ, kemm rigward il-pensjoni ewlenija kif ukoll rigward dik awżiljarja. Wara r-rilaxx, l-impjegat huwa intitolat għal ħlas immedjat tal-pensjoni kkalkulata b'dan il-mod.

- (30) L-ispiża riżultanti mir-rikonoxximenti kollha tal-ħin fittizju ta' impjegat rigward il-kontribuzzjonijiet ta' pensjonijiet totali ta' l-impjegati u ta' min iħaddem, kif ukoll l-ispiża riżultanti mill-pensjonijiet li jingħataw mit-TAP-OTE, għandhom jidħlu għaliha l-OTE u l-Awtoritajiet Griegi. Min-naħa l-oħra, in-nefġiet marbutin mal-pensjonijiet supplimentari u l-ħlas ta' somma ta' darba għandhom jitħallsu għal kollox mill-OTE.

- (31) Skond l-Artikolu 74(4)(a) tal-Liġi 3371/2005, l-awtoritajiet Griegi jikkontribwixxu 4 % tal-kapital ta' l-ishma ta' l-OTE lit-TAP-OTE. Il-valur tal-kontribuzzjoni ta' l-Istat Grieg lill-VRS huwa maħdum billi jkun multiplikat in-numru totali ta' ishma (490 582 879) ta' l-OTE b'4 % u l-valur preżenti ta' l-istokks kif ikkwotat fil-Borża ta' Atena. Skond il-liġi, il-Ministru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi u l-Finanzi huwa awtorizzat li jiffirma kuntratti li jeffettwaw it-trasferiment imsemmi u l-istabbiliment tad-drittijiet ta' l-Istat Grieg frabta ma' dawk l-ishma, inkluż id-dritt ta' l-Istat Grieg li jixtri lura l-ishma jekk huwa hekk jixtieq ("call option") u l-obbligju li jagħmel dan jekk il-Fond tal-Pensjoni jeħtieġ kontanti biex joħroġ il-benefiċċji ta' pensjonijiet bħala parti mill-VRS ("put option") skond il-prezz ta' l-ghelug tagħhom fil-jum tat-trasferiment li m'huwiex tal-borża. Il-miżuri implimentattivi u dettalji oħrajn rigward it-twettiq ta' dawn l-ghażlijiet għandhom ma kinux speċifikati bi stennija ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni.

### 6. Nefġiet tal-VRS u l-valur tal-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istat Grieg

- (32) Fin-notifika, l-awtoritajiet Griegi ċċaraw li n-nefġiet tal-VRS ibbażati fuq it-tluq mistenni ta' 6 000 impjegat ser jammontaw għal madwar EUR 1,5 biljun mifruxin fuq perjodu ta' seba' snin (jiġifieri mill-2005 sa l-2012) bl-ispejjeż ewlenin jaqgħu bejn l-2005 u l-2007. Fl-2005, in-nefġiet mistennijin ta' l-iskema huma stmati għal madwar EUR 500 miljun. Meta espressi f'termini ta' preżżijiet attwali, in-nefġiet jammontaw għal madwar EUR 1,2 biljun <sup>(10)</sup>.

<sup>(10)</sup> Skond l-awtoritajiet Griegi, il-valur preżenti nett kien ikkalkulat fuq ir-rata ta' skont ta' 7,83 % u jirrifletti l-ispiża medja peżata stmata tal-kapital (WACC) għall-OTE kif determinata minn tliet rapporti ta' analisti finanzjarji maħruġin fl-2005.



- (33) Fl-20 ta' Diċembru 2005, l-awtoritajiet Griegi informaw lill-Kummissjoni li numru totali ta' 5 525 impjegat ippreżentaw applikazzjoni valida fil-qafas taż-żmien meħtieġ biex jibbenefikaw mill-VRS (ċifra li tikkorrespondi għal madwar 90 % tat-tnaqqis tal-ħaddiema inizjalment maħsub). Minkejja l-fatt li ċ-ċifra eżatta mhux ser tkun magħrufa qabel ma jiġu proċessati għal kollox u evalwati fid-dettal l-applikazzjonijiet kollha, l-awtoritajiet Griegi jistmaw li n-nefqa ġenerali tal-VRS ser tkun madwar EUR 1,1 biljun (jew madwar EUR 863 miljun f'termini ta' valur preżenti nett).
- (34) Kif indikat hawn fuq, il-parteċipazzjoni ta' l-Istat Grieg tieħu l-forma ta' trasferiment ta' 4 % ta' l-ishma tiegħu fil-kumpanija lill-Fond tal-Pensjoni TAP-OTE.
- (35) Skond il-prezz ta' sehem ta' l-OTE fid-data tal-pubblikazzjoni tal-Liġi (l-14 ta' Lulju 2005), il-valur ta' 4 % ta' l-ishma li għandu jiġi ttrasferit mill-Istat lill-Fond tal-Pensjoni kien ta' madwar EUR 315 miljun. Madankollu, jekk ikun ikkunsidrat li l-valur ta' l-ishma ser ikun iddeterminat fil-jum tat-trasferiment, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat tista' tkun ikbar. Sa minn Lulju 2005, il-prezz ta' sehem ta' l-OTE żdied minn madwar EUR 16 f'Lulju 2005 għal madwar EUR 23 f'nofs Jannar 2006, u kien ta' madwar EUR 22 fil-bidu ta' Frar 2007.
- (38) B'mod aktar partikolari, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat lill-VRS ser tikkompensa biss parzjalment għan-nefġiet straordinarij ikkawżati minn żewġ tipi ewlenin ta' żvantaġġi strutturali li huma dovuti għall-wirt ta' l-OTE bħala monopolju ta' proprjetà ta' l-Istat: (a) l-istatus permanenti ta' kważi-funzjonarju-ċivili ta' l-impjegati ta' l-OTE, garantit mil-liġi, u (b) is-salarji ogħla (imposti wkoll mil-liġi) li jżidu b'mod sinifikanti l-ispejjeż ġenerali ta' l-iskema. Bħala riżultat, l-OTE hija żvantaġġata meta mqabbla mal-kompetituri tagħha fis-suq tat-telefonija fissa liberalizzata reċentament. Għalhekk, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat tkun konformi mal-ġurisprudenza reċenti f'dan il-qasam, u partikolarment mas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza f'*Combus*<sup>(1)</sup> li ttiprovdi li l-ħelsien ta' kumpanija tas-settur pubbliku minn żvantaġġi strutturali meta mqabbla mal-kompetituri tas-settur privat, bħal dawk dovuti għal "l-istatus privileġġat u li jinvolvi ħafna spejjeż ta' l-uffiċjali", ma jikkostitwix għajnuma mill-Istat.
- (39) L-awtoritajiet Griegi ipproponew kalkolu f'żewġ stadji mmirat biex jidentifika separatament (a) il-piż finanzjarju impost fuq l-OTE mill-istatus ta' permanenza, u (b) il-piż impost mis-salarji aktar għoljin.
- (40) B'mod partikolari, il-piż finanzjarju impost fuq l-OTE minħabba l-istatus ta' permanenza huwa kkalkulat billi jitqabblu l-ispejjeż tal-VRS ippjanata u l-ispejjeż li kieku jsiru kieku l-OTE kienet kumpanija privata li setgħet tirrilaxxa l-persunal tagħha billi toffri l-kompens minimu meħtieġ mil-liġi fil-każ ta' rilaxx. Jekk ikun ikkunsidrat, madankollu, li l-iskemi ta' għadd kbir ta' postijiet tax-xogħol battala skond il-liġi Griega huma soġġetti għal approvazzjoni ministerjali minn qabel<sup>(2)</sup>, l-awtoritajiet Griegi jikkunsidraw li kumpanija privata aktarx toffri termini aktar ġenerużi mill-ħtiġiet legali minimi sabiex timplimenta VRS vasta. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Griegi jistmaw li l-kumpaniji privati kienu joffru benefiċċji minn 1,5 sa 2,5 aktar mill-ħlasijiet ta' kumpens minħabba *redundancy* skond il-liġi, jew bħala medja d-doppju tal-ħlasijiet legali ta' kumpens minħabba *redundancy*<sup>(3)</sup>. F'dan il-każ, l-ispejjeż addizzjonali minħabba l-permanenza tal-VRS ikunu EUR 269 miljun.

## 7. L-argumenti ta' l-awtoritajiet Griegi

- (36) L-awtoritajiet Griegi jikkunsidraw li l-kontribuzzjoni ta' l-Istat lill-VRS ma tikkostitwix għajnuma mill-Istat. Fl-għoti ta' finanzjament lill-VRS, l-Istat Grieg aġixxa bħala investitur privat. Barra minn hekk, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat lill-OTE ħelsitha biss parzjalment mill-ispejjeż żejda li jirriżultaw mill-VRS kif imqabbla ma' skemi simili li jqumu anqas offriti skond il-liġijiet u r-regolamenti tax-xogħol applikabbli ġenerali. Konsegwentement, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat kienet sempliċiment immirata biex twassal għal sitwazzjoni ta' ugwaljanza u għalhekk ma kkawżatx distorsjoni tal-kompetizzjoni.
- (37) L-awtoritajiet Griegi huma tal-fehma li l-OTE tinsab fi żvantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri tagħha fis-suq reċentament liberalizzati għat-telefonija fissa. Minħabba l-istatus ta' impjegat permanenti għal għomorhom li jgawdu l-impjegati ta' l-OTE, l-OTE ma setgħetx unilaterament tirrilaxxa persunal iżda kellha ddrur għal offerti ta' rilaxx volontarju. Sabiex offerta bħal din issir attraenti, l-OTE kellha toffri lill-impjegati tagħha termini u kondizzjonijiet ta' rilaxx volontarju li jirriflettew l-istatus permanenti tal-ħaddiema.

<sup>(1)</sup> Każ T-157/01, *Danske Busvognemand vs il-Kummissjoni* [2004] ECR II-917.

<sup>(2)</sup> Bħalissa, il-liġi eżistenti tippermetti *redundancies* sa 2 % tal-ħaddiema b'limitu massimu ta' 30 impjegat fix-xahar. Skond in-notifika, programm ta' *redundancy* fuq skala kbira jkun jeħtieġ l-għoti ta' awtorizzazzjoni speċjali mill-Ministru tax-Xogħol. L-ebda tali awtorizzazzjoni ma nġhatat ta' l-inqas fl-aħħar għaxar snin u ma twettqet l-ebda skema ta' *redundancy* bil-massa minn kumpanija privata Griega fuq l-iskala tal-VRS.

<sup>(3)</sup> F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Griegi għamlu referenza għall-pakkett ta' kumpens minħabba *redundancy* offrit minn operatur privat kbir (Intracom) li offra fil-passat lil ċerti kategoriji ta' l-impjegati tiegħu d-doppju tal-kompens legali minħabba *r-redundancy* (koeffiċjent li tnaqqas gradwalment għal salarji għoljin sa 1,4 drabi l-kompens legali minħabba *r-redundancy*) fil-kuntest ta' skema ta' rilaxx kmieni. Barra minn hekk, il-kumpanija msemmija jingħad li offriet vantaġġi oħrajn bħal ħlasijiet ta' somma ta' darba u kopertura estiża ta' assigurazzjoni għal ċertu perijodu ta' żmien.

(41) Imbagħad, meta titqabbel in-nefqa tal-VRS ta' l-OTE ma' l-ispejjeż ibbażati fuq is-salarji tas-settur privat li huwa bejn wieħed u ieħor, terz inqas mis-salarji mħallsin mill-OTE, l-awtoritajiet Griegi jistmaw li l-piż addizzjonali ta' "salarju" fuq l-OTE jkun ta' EUR 193 miljun, ibbażat fuq tqabbil bejn l-ispejjeż ta' l-OTE u d-doppju tal-ħlasijiet minimi legali ta' kumpens minħabba *redundancy*. Jekk ikunu kkunsidrati l-ispejjeż addizzjonali allegati dovuti kemm għall-permanenza u s-salarji ogħla flimkien, il-piż addizzjonali totali impost fuq l-OTE jammonta għal EUR 462 miljun, 'il fuq mill-kontribuzzjoni ta' l-Istat kif stmata fiż-żmien tan-notifika (madwar EUR 315-il miljun).

(42) Fl-20 ta' Diċembru 2005, l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw lill-Kummissjoni kalkoli aġġornati bbażati fuq numru definittiv ta' impjegati li applikaw għall-VRS. Meta aġġornaw l-kalkoli tagħhom, l-awtoritajiet Griegi talbu lill-Kummissjoni biex tikkunsidra wkoll xi spejjeż addizzjonali li saru sadanittant minħabba dewmien inevitabbli tat-tnedija ta' l-implimentazzjoni tal-VRS kif inizjalment prevista ("nefquet minħabba posponiment")<sup>(14)</sup>.

### III. DEĊIŻJONI BIEX JINBDEW PROĊEDURI SKOND L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT

(43) Fid-deċiżjoni tagħha biex tinbeda l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-validità ta' l-argumenti msemmijin fuq ta' l-awtoritajiet Griegi għar-raġunijiet li ġejjin.

#### (a) il-kontribut finanzjarju mill-awtoritajiet Griegi

(44) L-ewwelnett, il-Kummissjoni staqsiet jekk il-kontribut finanzjarju ngħatax b'konformità mal-prinċipju ta' investitur fekonomija tas-suq ladarba l-ebda investitur ieħor fil-kumpanija ma kkontribwixxa finanzjarjament għall-iskema ta' rtirar kmieni. Barra minn hekk, l-investituri kollha ser jibbenefikaw ugwalmment miż-żieda mistennija fil-valur tal-kumpanija, mingħajr ma' l-Istat Grieg jirċievi korrispettiv proporzjonat għall-kontribuzzjoni tiegħu. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Griegi għadhom ma wrewx li huma jistgħu jistennew korrispettiv raġonevoli mill-kontribuzzjoni msemmija.

<sup>(14)</sup> Skond l-awtoritajiet Griegi, minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-VRS, xi impjegati ma jkunux aktar eliġibbli taħt il-VRS għaliex ikunu laħqu l-età ta' rtirar mandatorju. Barra minn dan, jekk ikun ikkunsidrat li l-Ote ser tieħu sena oħra biex timplimenta l-VRS għal kollox, l-OTE xorta jkollha tkompli tħallas salarji (għoljin) għal dawk eliġibbli għal rtirar kmieni. Kieku kellhom jiġu kkunsidrati dawn l-ispejjeż ("ta' differiment"), l-ispejjeż totali tal-VRS jiżdiedu għal EUR 1,37 miljun (jew approssimattivament EUR 1 biljun espressi f'termini ta' valur nett preżenti).

#### (b) L-ispejjeż ta' VRS simili fis-settur privat

(45) It-tieninett, il-Kummissjoni staqsiet jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-awtoritajiet Griegi kinitx fil-fatt limitata biex teħles lill-OTE minn spejjeż addizzjonali allegati mqabbla ma' operaturi oħrajn li joffru skemi ta' rtirar kmieni/minħabba *redundancy* lill-impjegati tagħhom. Partikolarment, il-Kummissjoni ddubitata kemm l-uniku eżempju ppreżentat mill-awtoritajiet Griegi, skond liema, kumpanija normali toffri, fil-kuntest ta' pjanijiet ta' rilaxx volontarju, madwar id-doppju tal-kumpens tar-rilaxx meħtieġ mil-liġi għar-rilaxx, jista' jiġi kkunsidrat bħala *benchmark* adatt biex jiġu determinati l-ispejjeż normali għal kumpanija li toffri skema ta' rtirar kmieni li tikkonċerna madwar 5 000 sa 6 000 impjegat li ma bbenefikawx mill-istatus speċjali ta' impjegat permanenti.

#### (c) L-ispiża finali tal-VRS

(46) Barra minn hekk, il-Kummissjoni fissret it-tħassib tagħha dwar jekk hemmx riskju li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat Grieg (li m'hijiex fissa, iżda ser tiddependi fuq il-valur ta' l-ishma ta' l-OTE fid-data ta' meta fil-fatt iseħħ it-trasferiment) taqbiżx l-ispejjeż addizzjonali allegati ta' l-OTE kif ikkalkulati.

#### (d) Vantaġġi relatati max-xogħol u vantaġġi oħrajn li jirriżultaw mill-passat

(47) Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll li anke kieku kellu jkun aċċettat li l-OTE ġġorr spejjeż addizzjonali minħabba l-istatus speċjali ta' l-impjegat ta' l-impjegati tagħha, dan ma jjiġġustifikax neċessarjament il-kontribuzzjoni ta' l-Istat meta jitqies li l-OTE setgħet ibbenefikat, u tista' tibqa' tibbenefika, minn vantaġġi oħrajn li jistgħu jinnewtralizzaw kwalunkwe żvantaġġi strutturali possibbli. Tali vantaġġi jistgħu jirriżultaw mill-istatus ta' impjegat speċifiku ta' l-impjegati ta' l-OTE, il-qafas legali speċifiku applikabbli għall-OTE jew interventi speċifiki, li jnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol ta' l-OTE għal livell aktar baxx mill-ispejjeż tax-xogħol ta' kumpaniji soġġetti għal-liġijiet tax-xogħol ġeneralment applikabbli. Saru referenzi għal eżenzjoni possibbli ta' l-OTE mill-kontribuzzjonijiet tal-qgħad u ħelsien fil-passat mill-obbligi ta' pensjonijiet tagħha.

(48) Finalment, il-Kummissjoni staqsiet ukoll jekk l-OTE tibbenefikax mill-pożizzjoni monopolistika li kellha qabel li tikkompensa għall-iżvantaġġi li jirriżultaw mill-ispejjeż żejda tal-VRS, partikolarment fir-rigward tan-netwerk tat-telekomunikazzjoni fissa.

### IV. KUMMENTI MINN PARTIJET INTERESSATI

(49) Intbagħtu kummenti minn ditta ta' avukati li talbet ukoll l-anonimità għaliex hija involuta fisem operaturi oħrajn flitigazzjoni kontra l-OTE. L-argumenti ewlenin tad-ditta jistgħu jitqassru kif ġej.

- (50) L-ewwelnett, il-kontribuzzjoni ta' l-awtoritajiet Griegi ma tikkonformax mat-test ta' l-investitur privat għalix il-VRS qatt ma kien ippreżentat lill-azzjonisti ta' l-OTE għall-approvazzjoni. L-awtoritajiet Griegi naqsu wkoll milli juru li huma setgħu jistennu qligħ raġonevoli mill-kontribuzzjoni msemmija. It-tieninnett, jidher li l-Istat annwalment ikopri parti mid-defiċit tal-Fond tas-Sigurtà Soċjali ta' l-OTE, it-TAP-OTE. It-tieletnett, rigward il-vantaġġi monopolisitiċi li qabel kellha l-OTE, id-ditta legali jidhrilha li l-indipendenza ta' l-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (NRA) hija mhedda għalix il-bord huwa maħtur mill-awtoritajiet Griegi, l-azzjonist ewlieni ta' l-ishma f'OTE.
- (51) Skond id-ditta ta' avukati, l-awtorità regolatriċi għad trid toħroġ deċiżjonijiet f'każijiet li jinvolvu allegat ksur mill-OTE minħabba l-biża' li tkun mheddeda l-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija. It-tieletnett, l-OTE mhijiex soġġetta għal taxa tar-reklamar (l-hekk imsejħa "aggeliosimo" li tammonta għal 20 % ta' l-ispiża ta' tpoġġija ta' reklam u li titħallas mill-kumpaniji kollha l-oħra biex jirreklamaw bi kwalunkwe midja). Dan il-valur ta' sussidju huwa smat għal EUR 20 miljun fis-sena. Finalment, permezz ta' kontroll tan-netwerk pubbliku tal-linji fissi, l-OTE kienet involuta f'serje ta' prattiċi antikompetittivi u abbużivi fis-swieq tat-telekomunikazzjonijiet elettroniċi li ma kinux dejjem rimedjati mill-awtorità regolatriċi.
- (52) Id-ditta ta' avukati għalhekk titlob li l-ghajjnuna tkun soġġetta għal numru ta' kondizzjonijiet li jindirizzaw il-kwistjonijiet kollha ta' hawn fuq.

#### V. IR-RISPOSTA MILL-AWTORITAJIET GRIEGI

- (53) L-awtoritajiet Griegi tennew l-argument ewlieni tagħhom li f'konformità mas-sentenza *Combus* il-kontribuzzjoni tagħhom għall-ispjejeż tal-VRS ma tagħti l-ebda vantaġġ ekonomiku lill-OTE l-ewwelnett għalix il-kontribuzzjoni tagħhom ma tnaqqasx il-piż baġitarju normali ta' l-OTE marbut ma' l-impjeg u t-tieninnett, hija tkopri biss it-tneħ-hija ta' żvantaġġ strutturali ta' impriża li qabel kienet pubblika. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Griegi jikkunsidraw li l-istatus ta' permanenza ta' l-impjegati ta' l-OTE jikkostitwixxi piż maġġuri għall-kumpanija u ostaklu strutturali għal aktar privatizzazzjoni tagħha<sup>(15)</sup>. Fil-każ li l-kontribuzzjoni ta' l-Istat ma tistax tiġi ġġustifikata
- (15) Għall-awtoritajiet Griegi, l-istatus ta' permanenza għandu aktar effetti ħżiena fuq l-istruttura tax-xogħol ġenerali tal-kumpanija. Mhux is-salarji kollha huma stabbiliti mil-liġi flivelli għoljin, iżda l-istruttura tagħhom tneħħi l-inċentivi għall-iżvilupp ta' l-impjegati u iżid il-produttività għalix skond projbizzjoni legali, is-salarji ma jistgħux jogħlew. Barra minn hekk, kirjiet ġodda għal pożizzjonijiet ta' tmexxija medjana u għolja mhumiex permessi għalix il-kirjiet ġodda kollha iridu jtpoġġew fil-postijiet tad-dħul. Il-kirjiet il-ġodda ma jistgħux jassumu xi tip ta' pożizzjoni ta' tmexxija li tista' xxekkel il-progressjoni tal-karriera garantita mill-istatus permanenti lill-persunal eżistenti. L-ebda waħda minn dawn ir-restrizzjonijiet ma japplikaw għall-operaturi privati.

bħala kumpens għal żvantaġġ strutturali jew tkun ikkunsidrata li tissodisfa t-test ta' l-investitur privat, tali kontribuzzjoni xorta tista' tiġi ddkjarata kompatibbli skond l-Artikolu 87(3)(ċ) tat-Trattat abbażi tal-prinċipji derivanti mid-deċiżjoni *EDF*<sup>(16)</sup> u dawk applikabbli għall-*stranded costs* fil-qasam ta' l-enerġija<sup>(17)</sup>.

- (54) Fir-risposta tagħhom l-awtoritajiet Griegi ppreżentaw numru ta' rapporti kkommissjonati minn esperti indipendenti li ntużaw biex (a) jikkalkulaw u jċertifikaw l-ispiża ġenerali tal-VRS, b'mod partikolari KPMG ivverifikat ir-riżultati finanzjarji ta' l-2005 ta' l-OTE u ċertifikat l-ispiża totali tal-VRS), (b) jikkalkulaw l-ispiża tal-permanenza u l-ispiża ta' salarji ogħla ta' l-impjegati ta' l-OTE billi jużaw il-limitu massimu xieraq fil-Greċja (fi kliem ieħor, l-istudji relevanti mwettqa mill-CRA *International* u l-*Hay Group*), u (ċ) jiddeskrivu l-qafas regolatorju tax-xogħol fil-Greċja applikabbli għall-intrapriżi privati in ġenerali u l-OTE b'mod partikolari (l-istudju mis-Sur Levantis, professur fil-liġi tax-xogħol fl-Università ta' Ateni). Il-linja ewlenija ta' argumentazzjoni mill-awtoritajiet Griegi tista' titqassar kif ġej.

#### (a) Il-ħtieġa ta' VRS

- (55) B'risposta għad-dubji tal-Kummissjoni rigward jekk setgħux intużaw mezzi oħrajn biex tkun ristrutturata l-OTE, l-awtoritajiet Griegi enfassizaw li l-Konstituzzjoni Griega tipprovdi protezzjoni espliċita lid-drittijiet tax-xogħol derivanti minn ftehim kollettivi tax-xogħol fis-seħħ. Għalhekk, skema obligatorja għal ħaddiema li m'hemmx aktar bżonnhom li setgħet kienet imposta mil-liġi sabiex ittemm l-istatus ta' permanenza ta' l-impjegati ta' l-OTE ma setgħetx tiġi implimentata għalix din inevitabbilment tirriżulta f'diversi litigazzjonijiet minħabba raġunijiet legali kostituzzjonali, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali u għalhekk tannulla l-objettiv kollu tar-ristutturar tal-persunal ta' l-OTE<sup>(18)</sup>.

<sup>(16)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija minn Franża lill-EDF u lill-industriji ta' l-elettriku u l-gass, ĠU L 49 tat-22.2.2005, p. 9.

<sup>(17)</sup> Ara l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni marbutin mal-metodoloġija għall-analiżi ta' l-ghajjnuna mill-Istat marbuta ma' *stranded costs* fl-indirizz ta' l-internet: [http://ec.europa.eu/comm/competition/state\\_aid/legislation/stranded\\_costs\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/comm/competition/state_aid/legislation/stranded_costs_en.pdf)

<sup>(18)</sup> F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Griegi iċċaraw aktar li l-legislażzjoni l-ġdida li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2005 (Liġi Griega Nru 3429/2005) rigward l-intrapriżi li huma proprjetà ta' l-Istat (fl-intier jew parzjalment) (l-hekk imsejħa "DEKO") tipprevedi għat-tneħħija ta' l-istatus permanenti għall-kirjiet il-ġodda biss. Madankollu, rigward l-impjegati eżistenti li jgawdu minn status ta' permanenza, l-OTE ma kellha l-ebda alternattiva ħliet li timplimenta l-VRS.

(b) *L-ispejjeż tal-VRS*

- (56) Fir-risposta tagħhom, l-awtoritajiet Griegi ikkonfermaw li minn 6 070 impjegat eliġibbli, l-OTE finalment irċeviet applikazzjonijiet minn 5 494 impjegat (91 % tal-kopertura). Il-benefiċjarji tal-VRS huma mbagħad diviżi f'żewġ sottogruppi: (a) 4 859 li ser jibbenefikaw mir-rikonoxximent ta' snin "nozzjonali" – dan il-grupp huwa kopert mill-VRS preżenti – u (b) 635 impjegat qrib l-irtirar (jiġifieri li għandhom jedd għad-drittijiet sħaħ tal-pensjoni iżda li ma laħqux l-età obbligatorja ta' l-irtirar) li ser jirċievu inċentivi ta' l-irtirar supplimentari sabiex jirtiraw<sup>(19)</sup> – dan il-grupp huwa kopert mill-VRS "regolari".
- (57) L-ispejjeż nominali ġenerali tal-VRS ġew ivverifikati u kkontrollati minn KPMG, l-awdituri ta' l-OTE. Dawn huma l-ispejjeż ivverifikati fid-Dikjarazzjonijiet ("IFRS") ta' l-Istandards Internazzjonali għar-Rapportar Finanzjarju ta' l-OTE għall-2005<sup>(20)</sup>. Parti mill-ispiża tal-VRS, jiġifieri l-ispiża għall-VRS ta' darba, kienet ikkalkulata minn ditta ta' konsulenza indipendenti għall-benefiċċji ta' l-impjegati, "Prudential". Il-Prudential wettqet studju attwarju skond kif previst fl-Artikolu 74 tal-Liġi Nru 3371/2005. L-awtoritajiet Griegi ikkummissjonaw ukoll rapport minn konsulenza tat-tmexxija globali, il-"Hay Group", li kkonferma li l-fattur tal-pakkett ta' kumpens skond il-liġi minħabba *redundancy* ta' 1,5 drabi huwa limitu massimu raġonevoli biex ikun ikkalkulat il-pakkett ta' kumpens li intrapriża taħt ċirkostanzi normali kieku toffri lill-impjegati tagħha biex jitolqu mill-kumpanija.
- (58) Fuq il-bażi tar-rapport tal-Group Hay ta' hawn fuq, konsulenza internazzjonali oħra dwar l-ekonomija u l-kompetizzjoni ġusta, bl-isem Charles River Associates International (CRA International), ikkompilat rapport finali li fih hija kkalkulat l-ispejjeż addizzjonali kkawżati mill-OTE, meta mqabbla ma' kompetituri oħrajn fis-settur privat, jiġifieri l-ispiża tal-permanenza u l-ispiża ta' salarji oġhla.
- (59) Is-sejbiet ewlenin tar-rapporti individwali ta' hawn fuq jistgħu jitqassru kif ġej.

<sup>(19)</sup> Għal dawn l-impjegati, minħabba li l-pensjoni riċevuta taħt il-VRS tkun ugwali daqs is-salarju preżenti, l-attrazzjoni tas-sistema hija inqas meta mqabbla ma' impjegati li għadhom ma laħqux l-oġhla livell tat-tabella tas-salarji (dawn ta' l-aħħar ser jirċievu pensjoni li taqbeż is-salarju preżenti tagħhom għaliex il-pensjoni tagħhom hija kalkolata abbażi tas-salarju proġettat mil-huq jekk ikompli jaħdmu waqt is-snin nozzjonali). Sabiex tkun żgurata parteċipazzjoni massima fil-VRS, huwa għalhekk pprovdut inċentiv addizzjonali għat-tluq lill-impjegati li diġà laħqu l-massimu ta' l-iskala tas-salarji ta' l-OTE.

<sup>(20)</sup> Għandu jiġi nnotat li l-kumpaniji kollha tal-Komunità kummerċjalizzati pubblikament huma meħtieġa li jippreparaw il-kontijiet konsolidati tagħhom bl-użu ta' l-IFRS mill-2005. Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontijiet skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 261, tat-13 ta' Ottubru 2003, p. 1.

(c) *Iċ-Ċertifikat IRFS ta' l-2005 tal-KMPG: il-valur nominali tal-VRS*

- (60) Skond il-kontijiet iċċertifikati ta' l-OTE għall-2005, l-ispiża totali stmata tal-VRS f'termini ta' ammonti ta' ħlasijiet hija ta' EUR 1 161 827 920. Il-valur preżenti nett (NPV – *Net Present Value*) tal-VRS huwa stmat għal EUR 939 607 196<sup>(21)</sup>. Din is-somma hija r-riżultat ta' l-iskont tal-valur nominali tal-VRS bl-użu ta' rata ta' skont ta' 3 % li tnaqqas l-ammont nominali b'EUR 67,7 miljun<sup>(22)</sup>, u li teskludi s-somma ta' EUR 154,4 miljun li torbot ma' kumpensi li diġà kien hemm provvediment għalihom fil-kontijiet finanzjarji ta' l-2004 ta' l-OTE (1 161,8 – 67,7 – 154,4 = 939,6). L-NPV iċċertifikat tal-VRS (EUR 939,6 miljun) ma jikkunsidrax madankollu l-benefiċċji fiskali li jmorru għandu l-OTE taħt il-liġi tat-taxxa korporattiva (*ara* hawn isfel ir-rapport CRA).

(d) *Ir-Rapport tal-Hay Group: paraguni ma' VRS oħrajn fil-Greċja u fl-UE*

- (61) Ir-Rapport tal-Hay Group ġabar *data* minn kumpaniji fil-Greċja u madwar l-Ewropa li esperjenzaw il-proċess ta' tnaqqis tal-ħaddiema fl-aħħar ftit snin. Huwa wettaq stħarriġ f'faktar minn 40 organizzazzjoni differenti li huma proprjetà Griega jew operazzjonijiet lokali ta' kumpaniji multinazzjonali. Ir-Rapport Hay jikkonferma s-suppożizzjonijiet magħmulin mill-awtoritajiet Griegi fil-preżentazzjonijiet ta' qabel tagħhom jiġifieri li: (a) m'hemm l-ebda skema ta' rtirar kmieni fil-Greċja jew fil-bqija ta' l-Ewropa li hija komparabbli ma' dik ta' l-OTE; (jiġifieri VRS li takkomoda spejjeż "strutturali" bħal dawka ta' l-OTE, bħall-"permanenza" u salarji għoljin fissi), u (b) il-pakketti medji ta' terminazzjoni ta' impjegat għall-ħaddiema fil-każ ta' VRS normali mwettqa minn kumpanija privata tabilħaqq jammontaw għal 1,5 drabi l-kumpens previst mil-liġi, partikolarment rigward il-grupp ta' l-età ta' 51 sena<sup>(23)</sup>.

(e) *Ir-rapport CRA: il-kalkolu ta' l-ispejjeż addizzjonali ta' l-OTE*

- (62) Abbażi ta' l-istudji ta' hawn fuq, is-CRA ikkalkulat l-NPV ta' l-ispejjeż li l-OTE ikollha toħroġ għal 5 494 impjegat bħala riżultat ta' l-implimentazzjoni tal-VRS.

<sup>(21)</sup> L-NPV jippreżenta l-valur tas-suq tal-VRS, jiġifieri l-ammont li l-OTE kien ikollha tħallas lil parti terza, kieku din il-parti terza ħadet f'idejha l-obbligi ta' l-OTE li ġejjin mill-VRS.

<sup>(22)</sup> Għandu jifakkar li fil-preżentazzjoni ta' qabel tagħhom ta' l-20 ta' Diċembru 2005, l-awtoritajiet Griegi, fiż-żmien meta l-VRS nominali kienet stmata bħala EUR 1 161,0 miljun, kien ikkalkula n-NPV tal-VRS bħala EUR 863 miljun bl-użu bħala rata ta' skont tal-WACC ta' l-OTE (spiża medja peżata tal-kapital) stmata bħala 7,83 %.

<sup>(23)</sup> Ara nota 13 ta' qiegħ il-paġna



- (63) Fil-komputazzjoni ta' l-NPV tal-VRS aspekk ewlieni kien l-użu ta' rata ta' skont adatta. Is-CRA tirrikonoxxi li prinċipju fundamentali tal-finanzi moderni huwa li r-rata ta' skont li għandha tkun applikata għal kwalunkwe nixxieġha ta' likwidità għandha tirrifletti l-livell ta' riskju sistematiku inerenti għall-fluss tal-likwidità. Skond is-CRA, l-użu ta' l-ispiża medja peżata tal-kapital (WACC) tal-kumpanija huwa għalhekk adatt u użat mill-ekonomisti fil-biċċa l-kbira tal-każijiet <sup>(24)</sup>.
- (64) Madankollu, is-CRA hija tal-parir li fil-każ preżenti, ir-rwol ta' l-ispejjeż sistematiċi, fil-piż finanzjarju mġarrab mill-VRS huwa wieħed kważi xejn. Dan minħabba (a) li l-evoluzzjoni tas-salarji ta' l-impjegati ta' l-OTE jsegwu skala stretta li tnaqqas sewwa l-inċertezzu dwar il-varjazzjonijiet fis-salarji maż-żmien, u (b) kwalunkwe inċertezza li tista' tippersisti m'hijiex korrelata mal-prestazzjoni ta' l-OTE (iż-żieda annwali fit-tabella tas-salarji mhijiex korrelata mal-prestazzjoni ekonomika ġenerali ta' l-OTE). Għalhekk, skond is-CRA, ir-rata ta' skont adatta għandha tirrifletti l-qligħ disponibbli fuq titoli ħelsin mir-riskju. Jekk bħala eżempju jittieħdu l-bonds ta' EUR 2,1 biljun għal 10 snin irkantati mill-awtoritajiet Griegi fis-7 ta' Ġunju 2005 (is-sena tal-VRS) bi qligħ medju peżat ta' 3,41 %, u l-bond ta' 5 snin ta' EUR 1,68 biljun irkantata xahar wara bi qligħ medju peżat ta' 2,71 %, is-CRA tieħu r-rata ta' interess mingħajr riskju spott għall-maturitajiet kollha bħala li hija ta' madwar 3 % <sup>(25)</sup>.
- (65) Fuq il-bażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, is-CRA International stmat l-NPV tal-VRS bħala EUR 1 086,2 miljun. Għall-kuntrarju tal-kalkoli ta' KPMG (ara l-paragrafu 60 fuq), il-kalkoli tas-CRA ma jikkunsidrawx il-EUR 154,4 miljun diġà previsti mill-OTE fil-kontijiet tagħha ta' l-2004, għaliex dawn m'humiex marbutin bir-restrizzjonijiet tal-kontabbiltà ta' awditur. Barra minn hekk, meta jkun ikkunsidrat li l-ħlasijiet tal-VRS mill-OTE jistgħu jitnaqqsu għal finijiet ta' taxxa korporattiva taħt il-liġi korporattiva Griega, is-CRA stmat li l-NPV reali tal-VRS, wara t-taxxa, huwa ta' EUR 784,3 miljun <sup>(26)</sup>.
- (66) Abbażi ta' l-ammont ta' wara t-taxxa hawn fuq, is-CRA ikkalkulat l-ispejjeż li l-OTE kien ikollha toħroġ kieku kienet kumpanija privata. Għal dan il-għan, is-CRA assu-miet li (a) skond il-konklużjonijiet meħudin mir-rapport tal-Hay Group, kumpanija privata taħt ċirkostanzi normali toffri pakkett li jammonta għal 1,5 drabi l-kumpens skond il-liġi minħabba *redundancy*, u li (b) skond id-*data* ppreżentata fl-istħarriġ tal-KPMG ta' l-2004 dwar kumpensi u benefiċċji fis-settur Grieg tat-  
 teknoloġija avvanzata, dan il-perċentwal kieku japplika għal salarji li jkunu 33 % inferjuri għal daww imħallsin mill-OTE. Fuq is-suppożizzjoni li l-OTE tipprowdi pakkett ugwali għal 150 % tal-ħtieġa legali iżda b'salarji privati (jiġifieri 33 % inqas minn daww ta' l-OTE), is-CRA ikkonkludiet li kumpanija privata barra mill-OTE kien ikollha spejjeż ta' wara t-taxxa li jammontaw għal EUR 314,4 miljun biex timplimenta l-VRS.
- (67) Fuq il-bażi ta' paragun bejn il-valur preżenti (PV) ta' wara t-taxxa tal-VRS (EUR 784,3 miljun) bl-ispejjeż li l-OTE kien ikollha tagħmel li kieku kienet kumpanija privata ordinarja (EUR 314,4 miljun), is-CRA ikkalkulat li l-ispejjeż żejda mġarrba mill-OTE għall-implimentazzjoni tal-VRS tagħha jammontaw għal EUR 469,9 miljun <sup>(27)</sup>.
- (68) Għall-finijiet ta' komplettezza, is-CRA International ikkalkulat ukoll l-ispejjeż żejda li l-OTE ġġorr abbażi ta' żewġ xenarji alternattivi. L-ewwel xenarju huwa bbażat fuq ir-rata ta' skont tal-WACC ta' l-OTE ogħla (7,8 %). F'dan ix-xenarju, il-piż żejjed jitnaqqas għal EUR 390,4 miljun. It-tieni xenarju jassumi li ma hemm ebda tnaqqis ta' taxxa. F'dan ix-xenarju, il-piż żejjed jiżjed għal EUR 540,2 miljun meta jintuża l-WACC ta' l-OTE, u għal EUR 643,4 miljun meta tintuża r-rata ta' skont ħielsa mir-riskju ta' 3 %.
- (f) *Assenza ta' vantaġġi marbutin max-xogħol jew vantaġġi oħrajn*
- (69) Abbażi ta' l-istudju mwettaq mill-Professor Levantis ta' l-Università ta' Ateni, l-awtoritajiet Griegi saħqu li l-OTE ma tibbenefika minn ebda vantaġġ marbut max-xogħol. B'mod aktar partikolari, l-awtoritajiet Griegi kkonfermaw li l-OTE m'hijiex meħlusa milli tħallas kontribuzzjonijiet tal-qgħad <sup>(28)</sup>. Fi kwalunkwe każ, fil-kuntest tas-sentenza ta' *Combus*, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-eżistenza ta' vantaġġi strutturali ma kinitx parti mill-analiżi tal-Qorti. Il-vantaġġi strutturali lanqas ma kienu parti mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' l-għajnuna mogħtija minn Franża favur l-EDF.

<sup>(24)</sup> Dan kien ukoll l-approċċ meħud mill-gvern Grieg fil-preżentazzjonijiet tiegħu fl-4 ta' Novembru 2005.

<sup>(25)</sup> F'dan ir-rigward, is-CRA hija konformi mal-kontijiet ċertifikati ta' l-OTE mill-KPMG li użaw ukoll rata ta' skont ta' 3 %.

<sup>(26)</sup> KPMG kellha biss ir-responsabbiltà li tivverifika l-kontijiet ta' qabel it-taxxa ta' l-OTE u għalhekk ma kellhiex għaliex tikkalkula l-NPV ta' wara t-taxxa tal-VRS nominali.

<sup>(27)</sup> Dawn l-ispejjeż żejda jitqassmu kif ġej: piż ta' l-OTE minħabba l-istatus permanenti: EUR 322,9 miljun, u piż ta' l-OTE ta' salarji ogħla: EUR 147,0 miljun.

<sup>(28)</sup> Skond l-awtoritajiet Griegi, l-OTE bħall-kumpaniji privati l-oħrajn kollha tħallas il-kontribuzzjoni obbligatorja tal-qgħad dovuta minn min iħaddem kif mitlub skond il-leġislażzjoni tas-sigurtà soċjali applikabbli. Din tammonta għal 2,76 % (1,33 % addizzjonali jitħallas mill-impjegat).

- (70) Rigward il-vantaġġi li l-OTE tista' takkwista mill-pożizzjoni monopolistika preċedenti tagħha, l-awtoritajiet Griegi fakkru li s-suq tal-linji fissi ilu liberalizzat għal kollox sa mill-2001, u li l-OTE kienet soġġetta għal regolament *ex ante* estensiv skond id-dispożizzjonijiet tal-Qafas Regulatorju applikabbli għas-servizzi u n-netwerks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Ir-rimedji imposti mill-OTE mill-NRA, il-Kummissjoni Nazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet u l-Posta (EETT), frabta mas-swieq tat-telefonija fissa wasslu għad-dħul kompetittiv minn operaturi alternattivi u t-tnaqis tas-sehem fis-suq mill-OTE.
- (g) *L-impenn offrut mill-awtoritajiet Griegi*
- (71) Fir-risposta tagħhom, l-awtoritajiet Griegi ibbażaw il-kalkoli tagħhom fuq il-prezz ta' sehem ta' l-OTE kif kien fl-għeluq tan-negozju fil-25 ta' April 2006, jiġifieri EUR 17,98. Għalhekk, fil-25 ta' April 2006, 4 % ta' l-ishma ta' l-OTE kkorrisponda għal valur ta' ishma ta' EUR 353 miljun. Il-valur tal-kontribuzzjoni ta' l-awtoritajiet Griegi lill-VRS, sal-25 ta' April 2006, kien għalhekk 25 % taħt EUR 469.9 miljun li jkkorrispondi għall-ispiża addizzjonali tal-VRS).
- (72) Madankollu, jekk ikun ikkunsidrat li l-valur tal-prezz ta' sehem ta' l-OTE huwa soġġett għal ċaqliq fil-Borża ta' Atena, fil-każ li l-valur totali ta' 4 % ta' l-ishma ta' l-OTE jaqbeż l-ispejjeż żejda mġarrba minn OTE, l-awtoritajiet Griegi ikkomettwew ruħhom biċ-ċar li jemendaw l-Artikolu 74 tal-Liġi 3371, sabiex tkun limitata l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istat kif xieraq.
- (h) *Risposta għal kummenti minn terzi*
- (73) L-awtoritajiet Griegi jenfasizzaw li skond l-Artikolu 34 tal-Liġi tal-Kumpaniji Griega Nru 2190/1920 dwar soċjetajiet anonimi, il-laqgħa ġenerali m'għandhiex il-kompetenza li tadotta deċizzjonijiet maniġerjali, billi din il-kompetenza hija tal-bord tad-diretturi (Artikolu 9, paragrafu (d) ta' l-Istatuti ta' l-OTE). Il-VRS kienet għalhekk diskussa u deċiża mill-bord tad-diretturi tal-kumpanija u aktar tard ippreżentata lill-investituri istituzzjonali.
- (74) Imbagħad, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li l-kummenti magħmulin dwar il-fatt li l-Istat Grieg ikopri annwalment parti mid-defiċit tat-TAP-OTE huma bbażati fuq intendiment żbaljat tar-reġim tas-sigurtà soċjali fil-Greċja. L-awtoritajiet Griegi tennew li l-fond tal-pensjoni ewlieni għall-impjegati ta' l-OTE, it-TAP-OTE, huwa entità legali separata, irregolat mil-liġi pubblika, bħalma huma l-fondi ta' pensjonijiet l-oħrajn kollha fil-Greċja. Huwa għandu l-bord tad-diretturi tiegħu, id-dipartimenti ta' l-amministrazzjoni, tal-baġit u tal-finanzi tiegħu. Kważi l-fondi ta' pensjonijiet eżistenti kollha huma fondi ta' liġi pubblika u huma indipendenti mill-kumpaniji fejn jaħdmu l-impjegati, huma awto-regolati u huma orjentati biex ma jħallux profitt. Id-drittijiet pensjonistiċi huma drittijiet ta' poter mogħtija skond il-Kostituzzjoni Griega (Artikolu 25). Il-karatteristiċi bażiċi tar-reġim tas-sigurtà soċjali Grieg huma l-karattru obligatorju, pubbliku u universali tiegħu. Is-sistema tal-pensjoni Griega hija għalhekk sistema ta' "Pay as you Go". Id-defiċits tad-diversi fondi taħt liġi pubblika m'humix iffinanzjati minn min iħaddem jew mill-impjegati iżda mill-Istat, b'dan ta' l-aħħar qiegħed taħt obbligu kostituzzjonali li jggarantixxi li l-pensjonijiet kollha jitħallsu b'mod sħiħ.
- (75) Mill-1994 sa l-2001, għalkemm kumpanija legali privata iżda kkontrollata mill-Istat u totalment indipendenti mill-fond tal-pensjoni taħt liġi pubblika t-TAP-OTE, l-OTE kellha mandat permezz ta' leġislazzjoni *ad hoc* u permezz ta' ftehim kollettiv tax-xogħol biex tkopri d-defiċit tat-TAP-OTE, u għalhekk biex topera tip ta' arranġament tas-sigurtà soċjali fisem l-Istat. Ir-responsabbiltà ta' l-OTE biex tkopri tali defiċits *ad hoc* tat-TAP-OTE żdiedet aktar u kkostitwiet żvantaġġ ċar għall-kumpanija.
- (76) Rigward il-vantaġġi allegati li l-OTE akkwistat mill-pożizzjoni monopolistika preċedenti tagħha, l-awtoritajiet Griegi enfasizzaw li sa mill-2001, is-suq tat-telekomunikazzjonijiet Grieg kien liberalizzat għal kollox u soġġett għas-supervizzjoni regulatorja *ex ante* ta' l-EETT, l-awtorità regulatorja nazzjonali. L-imġiba allegatament abbużiva ta' l-OTE ikollha tiġi ffaċċjata skond ir-regoli rispettivi speċifiċi għas-settur tal-Qafas Regulatorju ġdid u d-direttivi rilevanti tiegħu. Għall-awtoritajiet Griegi, ma jistgħux jintalbu miżuri kompensatorji li jappartjenu għal suq liberalizzat għal kollox permezz ta' mezz kompletament differenti, jiġifieri l-evalwazzjoni tal-miżuri ta' l-għajnuna mill-Istat li huma unikament marbuta max-xogħol.
- (77) Finalment, l-awtoritajiet Griegi jiċħdu bħala inkorretta l-allegazzjoni ta' parti terza li l-OTE hija eżentata mill-ħlas tat-taxxa tar-reklamar, waqt li kumpaniji oħrajn fil-Greċja kienu responsabbli li jħallsu. Għalkemm skond l-artikolu 19(2) tal-Liġi Nru 1264/1982, impriżi jew utilitajiet ta' karattru pubbliku, bħall-OTE, huma eżentati milli jħallsu t-taxxa tar-reklamar, sentenza reċenti mill-Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza (Deċizzjoni 9564/2005) interpretat il-kunċetti ta' "servizz pubbliku" u "utilitajiet" kif deskritt fil-Liġi Nru 1264/1982, fis-sens li mhux biss l-OTE iżda kull operatur tat-telekomunikazzjonijiet kien eżentat mit-taxxa tar-reklamar<sup>(29)</sup>, indipendentement mill-istatus tiegħu bħala kumpanija pubblika jew privata<sup>(30)</sup>.
- (29) Il-gvern Grieg iddikjara wkoll li l-Artikolu 24 tal-Liġi Nru 3470/2006 reċenti issa jiddikjara ċarament li l-OTE u oħrajn ma jgawdux aktar status speċifiku li jagħtihom id-dritt li jkunu eżentati mit-taxxa tar-reklamar. Skond il-Liġi Nru 1264/1982, kumpaniji jew utilitajiet pubbliċi eżentati mit-taxxa tar-reklamar huma daww b'iss li l-kapital ta' l-ishma tagħhom huwa fil-maġġoranza assoluta ta' l-Istat Grieg. Għaldaqstant, l-OTE u l-fornituri tat-telekomunikazzjoni l-oħrajn bħalissa huma responsabbli li jħallsu t-taxxa tar-reklamar.
- (30) Skond il-gvern Grieg il-Qorti amministrattiva kkonkludiet li l-karatterizzazzjoni tal-kumpanija bħala utilità pubblika ma torbotx ma l-istatus legali tagħha, jew il-qafas legali li fih hija topera, iżda tiddependi biss fuq in-natura ta' servizz li l-imsemmija kumpanija tagħti. Għalhekk, skond il-Qorti, impriżi li joffru oġġetti u servizzi meqjusin vitali għas-soċjeta, bħat-telekomunikazzjonijiet, forniment ta' l-ilma u l-enerġija jkkostituwixxu utilitajiet.

## VI. EVALWAZZJONI TA' L-GĦAJNUNA

## Eżistenza ta' l-għajnuna

- (78) L-Artikolu 87(1) jipprevedi li kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat fi kwalunkwe forma li twassl għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi, safejn toqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni.
- (79) Il-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna ta' l-Istat tippresupponi li jintlaħqu l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: (i) il-miżura tagħti vantaġġ; (ii) dak il-vantaġġ huwa mogħti permezz ta' riżorsi ta' l-Istat; (iii) il-vantaġġ huwa selettiv; u (iv) il-miżura tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni u hija kapaċi li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (80) Fil-każ preżenti m'huwiex ikkontestat li sal-punt li l-awtoritajiet Griegi jipproponu li jittrasferixxu 4 % ta' l-ishma tagħhom f'OTE lit-TAP-OTE bħala parti mill-kontribuzzjoni tagħhom lejn l-ispejjeż ġenerali tal-VRS tal-kumpanija, il-miżura tinvolvi l-użu tar-riżorsi ta' l-Istat. Is-sehem ta' 4 % ta' l-Istat f'OTE huwa dħul b'valur ekonomiku. Dan id-dħul qiegħed jiġi ttrasferit mingħajr ebda kumpens fil-valur tas-suq tiegħu. Konsegwentament, il-miżura tinvolvi t-trasferiment tar-riżorsi ta' l-Istat.
- (81) Barra minn hekk, għalkemm id-destinatarju dirett ta' l-għajnuna huwa TAP-OTE, fond tal-pensjoni taħt liġi pubblika li huwa parti minn sistema ta' sigurtà soċjali usa' tal-Greċja – il-benefiċjarju reali tal-miżura hija OTE għaliex il-kumpanija hija meħlusa minn parti mill-obbligi tagħha tas-sigurtà soċjali li jirriżultaw mill-VRS in kwistjoni. Ebda intrapriża oħra ma tgawdi l-vantaġġ speċifiku. Konsegwentament, il-miżura hija waħda selettiva
- (82) Lanqas m'hu kkontestat li peress li l-OTE hija operatriċi ta' netwerk mifruq man-nazzjon kollu involuta fil-forniment ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika inkluż il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika internazzjonali, kwalunkwe għajnuna mogħtija tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (83) Rigward il-kwistjoni jekk din il-kontribuzzjoni taħtix vantaġġ lill-OTE li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Griegi argumentaw li (a) hija aġixxiet bħala investitur privat, u (b) li l-miżura ma taħtix vantaġġ lill-OTE għaliex hija sempliċiment tipprovdi kumpens għall-iżvantaġġi strutturali ta' din ta' l-aħħar minħabba l-istatus *de facto* ta' impjeg permanenti ta' l-impjegati tagħha u l-ispejjeż tas-salarji aktar għoljin imposti fuqha bil-liġi waqt il-perjodu ta' qabel il-liberalizzazzjoni.

## (a) Konformità mal-prinċipju ta' l-investitur privat

- (84) F'konformità mal-ħtiġiet stabbiliti fil-ġurisprudenza, sabiex ikun determinat jekk il-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istat Grieg għall-ispejjeż tal-VRS ta' l-OTE tistax titqies li hija konformi ma' l-imġiba ta' investitur privat li jaġixxi taħt kondizzjonijiet normali tas-suq, huwa meħtieġ li jkun ikkunsidrat jekk f'ċirkostanzi simili investitur privat ta' daqs komparabbli ma' dak ta' l-Istat kienx jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' tali ammont (jiġifieri ekwivalenti għal 4 % ta' l-ishma ta' l-OTE) <sup>(31)</sup>.
- (85) F'dak ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn l-obbligi li l-Istat għandu jassumi bħala sid tal-kapital ta' l-ishma ta' kumpanija u l-obbligi tiegħu bħala awtorità pubblika <sup>(32)</sup>. L-OTE hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata, l-Istat Grieg bħala s-sid maġġoritarju tal-kapital ta' l-ishma tal-kumpanija kien ikun responsabbli biss għaddjun tal-kumpanija sal-valur tal-likwidazzjoni ta' l-assi tagħha. Ir-responsabbiltajiet tas-sigurtà soċjali u oħrajn marbutin mal-liġi tax-xogħol huma normalment imġarrba mill-kumpanija kkonċernata u mhux minn dawk li għandhom ishma fiha. Barra minn hekk, għandu jkun enfasizzat li l-OTE m'hijiex kumpanija f'sitwazzjoni finanzjarja diffiċli jew li ma tistax taqdi r-responsabbiltajiet finanzjarji tagħha ta' VRS.
- (86) Għalhekk, l-obbligi riżultanti mill-ispiża ta' l-irtirar kmieni ta' ħaddiema li m'għadhomx meħtieġa u l-ħlasijiet ta' kwalunkwe benefiċċji ta' l-impjeg assoċjati ma jistgħux jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-investitur privat <sup>(33)</sup>.
- (87) Barra minn hekk, l-ebda detentur ta' ishma barra mill-Istat Grieg ma kkontribwixxa għall-ispejjeż addizzjonali tal-pjan ta' ristrutturazzjoni ta' l-OTE, għalkemm il-profitabbiltà mtejba mistennija ta' l-OTE għandha tibbenefika lill-investituri kollha mingħajr distinzjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-imġiba ta' l-Istat Grieg kienet differenti minn dik ta' l-investituri privati l-oħrajn fl-OTE. Anke jekk il-pożizzjoni speċjali ta' l-Istat bħala detentur ta' l-ishma ewlieni setgħet tiġġustifika mġiba differenti, normalment ikun mistenni li fejn wieħed mid-detenturi ta' l-ishma ta' kumpanija jipprovdi assistenza finanzjarja mingħajr mad-detenturi l-oħrajn ta' l-ishma jagħmlu l-istess bl-istess manjiera, tali detentur ta' l-ishma jirċievi xi tip ta' kumpens fil-forma ta' sehem akbar fil-kumpanija jew b'mod ieħor. Madankollu, fil-każ preżenti, l-Istat m'huwa qed jirċievi l-ebda kumpens lil hinn minn dak ta' l-investituri l-oħrajn kollha fil-kumpanija jirċievu.

<sup>(31)</sup> Il-Kawża C-305/89 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* [1991] Ġabra I-1603, paragrafu 19.

<sup>(32)</sup> Il-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spanja vs Il-Kummissjoni* [1994] Ġabra I-4103, paragrafu 22.

<sup>(33)</sup> Il-Kawża C-305/89, loc.cit., paragrafu 22.



- (88) Il-fatt li l-prezz ta' kull sehem ta' l-OTE żdied mit-tħabbir tal-VRS ma jfissirx neċessarjament li l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-Istat għandha tiġi kkunsidrata, għal din ir-raġuni biss, bħala kompatibbli mat-test ta' l-investitur privat. Fil-prinċipju, kwalunkwe kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat għat-titjib tal-pożizzjoni finanzjarja ta' kumpanija kwotata x'aktarx ittejjeb il-prezz ta' l-ishma ta' din ta' l-aħħar u dan irrispettivament minn jekk it-tali kontribuzzjoni tikkwalifikax ukoll bħala għajna fit-tifsira ta' l-Artikolu 87 (1) tat-Trattat.
- (89) Għal dawn ir-raġunijiet ta' hawn fuq kollha, l-argument ta' l-awtoritajiet Griegi li l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ispejjeż tal-VRS hija konformi mal-prinċipju ta' l-investitur privat għandu jiġu miċħud.
- (b) *Nuqqas ta' vantaġġ ekonomiku*
- (90) Skond il-każistika stabbilita, il-kunċett ta' għajna jinkludi vantaġġi mogħtijin minn awtoritajiet pubbliċi li, f'diversi forum, jimmitigaw il-ħlasijiet li normalment huma inklużi fil-baġit ta' impriża<sup>(34)</sup>. F'dan ir-rigward il-Qorti kkonstatat li riduzzjoni parzjali tal-ħlasijiet soċjali li jgħaddu għal fuq impriża jikkostitwixxu għajna fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat jekk dik il-miżura hija intenzjonata parzjalment biex teżenta lil dawk l-impriżi mill-ħlasijiet finanzjarji li ġejjin mill-applikazzjoni normali tas-sistema tas-sigurtà soċjali ġenerali, mingħajr ma jkun hemm kwalunkwe ġustifikazzjoni għal din l-eżenzjoni abbażi tan-natura jew l-iskema ġenerali ta' din is-sistema<sup>(35)</sup>.
- (91) L-awtoritajiet Griegi jikkontestaw li t-tnaqqis parzjali ta' l-ispejjeż ta' l-OTE għall-VRS jagħti vantaġġ lill-kumpanija u li għandu impatt fuq il-kompetizzjoni abbażi li jillibera lill-OTE minn żvantaġġ strutturali b'mod li jkun żgur li din ta' l-aħħar tkun soġġetta għall-istess sistema, iżda inqas stretta, tal-liġi tax-xogħol applikabbli għal kwalunkwe kumpanija oħra fis-suq Grieg tat-telekomunikazzjonijiet elettroniċi. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Griegi qagħdu fuq is-sentenza *Combus* mill-Qorti tal-Prim'Instanza. F'dak il-każ, il-Qorti ddikjarat li miżura (ta' l-Istat) li kienet "introdotta biex tieħu post l-istatus privileġġat u li jiswa ħafna ta' l-uffiċjali impjegati minn *Combus* bl-istatus ta' impjegati fuq bażi kuntrattwali komparabbli ma' dak ta' impjegati ta' impriżi oħrajn tat-trasport bil-karozzi tal-linja li jikkompetu mal-*Combus*" (traduzzjoni mhux uffiċjali) ma kinix tikkostitwixxi għajna għaliex "l-intenzjoni (tal-gvern Daniż) kienet għalhekk li jeħles lil *Combus* minn żvantaġġ strutturali li kellha frelazzjoni mal-kompetituri tagħha fis-settur privat"<sup>(36)</sup>.
- (92) F'dan ir-rigward, għandu jiġi innotat li l-ġurisprudenza *Combus* ma ġietx ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja. B'mod partikolari, ċerti sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja huma kontra s-suppożizzjoni li l-għoti ta' kumpens għal żvantaġġ strutturali tipprekludi miżura li tiġi karatterizzata bħala għajna. F'ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kemm miżura tista' titqies bħala għajna għandu jiġi deċiż billi wieħed iħares lejn il-konsegwenzi tal-miżura u mhux lejn ir-raġunijiet jew l-għanijiet tal-miżura<sup>(37)</sup>. Il-Qorti ddeċidiet ukoll li kull miżura li tirilaxxa intrapriża mill-ispejjeż li normalment ikunu inklużi fil-baġit tagħha għandha tikkostitwixxi għajna mill-istat<sup>(38)</sup>. Il-Qorti għamlitha ċara li dan il-każ ikopri, per eżempju, in-nefqa relatata mas-salarju ta' l-impjegati<sup>(39)</sup>. Fid-dawl ta' dan ir-raġunar, il-Qorti ma aċċettatx li miżura ma tgħaddix vantaġġi fuq l-imsemmija intrapriża, sempliċiment għaliex tibbilanċja b'xi żvantaġġ li dik l-intrapriża tkun ġarrbet fil-passat<sup>(40)</sup>.
- (93) Huwa minnu li s-sistema tal-liġi tax-xogħol applikabbli għall-OTE hija differenti minn dik applikata għal kwalunkwe kumpanija privata oħra fil-Greċja, għaliex l-istatus ta' permanenza ta' l-impjegati ta' l-OTE u s-salarji aktar għoljin ma jstgħux ikunu modifikati sakemm ma tgħaddix leġislazzjoni ġdida li ġġib fis-seħħ il-kunsens meħtieġ ta' l-impjegati ta' l-OTE. Ġeneralment, is-sistema tax-xogħol applikabbli għall-OTE żżid l-ispejjeż tagħha tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali u ċċaħħad lill-kumpanija mil-libertà li jgawdu kumpaniji kompetituri oħrajn rigward ir-ristrutturar ta' l-ispejjeż tax-xogħol tagħhom f'konformità tal-kondizzjonijiet tas-suq prevalenti minn żmien għal żmien.
- (94) F'dan ir-rigward, il-każ preżenti għandu numru ta' similitaritajiet ma' *Combus*. F'*Combus*, l-Istat Daniż ma kkompensax lill-kumpanija kkonċernata iżda lill-uffiċjali impjegati minnha. Bl-istess mod, l-Istat Grieg ma jkkompensax lill-OTE, iżda lill-Fond tal-Pensjoni ta' l-impjegati għat-telf ta' dħul dovut għall-irtirar kmieni. Bħal f'*Combus*, l-istatus permamenti ta' l-impjegati ta' l-OTE jikkostitwixxi "status privileġġat u li jiswa ħafna" frelazzjoni ma' l-istatus ta' l-impjegati fis-settur privat. Bħal f'*Combus*, l-intenzjoni ta' l-awtoritajiet Griegi hija li teħles lill-OTE "minn żvantaġġ strutturali li għandha fir-rigward tal-kompetituri tagħha fis-settur privat".

<sup>(36)</sup> Il-Kawża T-157/01, loc. Cit. Paragrafu 57.

<sup>(37)</sup> Il-Kawża 173/73 *L-Italja vs il-Kummissjoni* [1974] ECR 709, paragrafu 13; Kawża C-310/85 *Deufil* [1987] ECR 901, paragrafu 8, Kawża C-241/94 *Franza vs il-Kummissjoni* [1996] ECR I-4551, paragrafu 20.

<sup>(38)</sup> Il-Kawża C-387/92 *Banco Exterior de España* [1994] ECR I-877, paragrafu 13, Kawża C-241/94 *Franza vs il-Kummissjoni* [1996] ECR I-4551, paragrafu 34.

<sup>(39)</sup> Il-Kawża C-05/01, *Il-Belġju vs il-Kummissjoni* [2002] ECR I-1191, paragrafu 39.

<sup>(40)</sup> Il-Kawża 30/59 "*De Gezamenlijke Steenkolenmijnen f'Limburg vs l-Awtorità Superjuri* [1961] ECR 1 paragrafi 29-30, Kawża 173/73 *L-Italja vs il-Kummissjoni* [1974] ECR 709, paragrafi 12-13, Kawża C-241/94 *Franza vs il-Kummissjoni* [1996] ECR I-4551, paragrafi 29, 35. Kawża 251/97 *Il-Kummissjoni vs Franza* [1999] ECR I-6639, paragrafi 40, 46-47, ara wkoll il-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost* [2004] ECR II-127, paragrafu 54.

<sup>(34)</sup> Ara, *inter alia*, is-sentenzi fil-Kawża 30/59 *De Gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg vs High Authority* [1961] Ġabra 1, il-Kawża C-387/92 *Banco Exterior de España* [1994] Ġabra I-877, paragrafu 13; Kawża C-241/94 *Franza vs Kummissjoni* [1996] Ġabra I-4551, paragrafu 34; u l-Kawża C-256/97 *DM Transport* [1999] Ġabra I-3913, paragrafu 19.

<sup>(35)</sup> Il-Kawża 173/73 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* [1974] Ġabra 709, paragrafu 15; għall-istess effett ara s-sentenza fil-Kawża C-301/87 *Franza vs Il-Kummissjoni* [1990] Ġabra I-307, paragrafu 41.

- (95) Barra minn hekk, bħalma kien il-każ f'*Combus*, l-intervent ta' l-Istat ma jimmirax li jagħmel tajjeb jew inaqas il-piż minn fuq l-OTE għall-obbligi ta' pensjonijiet imgħoddija tagħha li jirriżultaw minn perjodu ta' żmien meta l-kumpanija saret soġġetta għal qafas tal-liġi tax-xogħol *sui generis* (responsabbiltajiet mgħoddija), iżda huwa strettement limitat biex jagħmel lill-OTE konformi mas-settur privat rigward id-drittijiet ta' pensjonijiet futuri tagħha.
- (96) Wara li jiġi kkunsidrat dan kollu, il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-kuntest fattwali u legali tal-każ involut hawnhekk madankollu juri numru ta' partikolaritajiet meta mqabbel ma' dak ta' *Combus*.
- (97) L-ewwelnett, f'*Combus* il-kumpens ta' l-awtoritajiet Daniżi mmira li jiffaċilita l-bidla prevista ta' l-istatus tal-kumpanija minn waħda pubblika għa dik privata, u għalhekk saret l-offerta tal-kumpens finanzjarju (bonus) mill-gvern Daniż lill-impjegati tal-*Combus* li l-istatus tagħhom inbidel minn impjegati pubbliċi għal impjegati b'kuntratt skond il-liġi privata. L-OTE, madankollu, saret kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata fl-1994, mingħajr ma ttieħdu miżuri xierqa f'dak iż-żmien mill-Istat sabiex jiġi żgurati li r-regoli tax-xogħol tal-kumpanija jkunu allinjati ma' dawk ta' kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata normali. L-Istat lanqas m'għamel intervent fl-2001, meta l-OTE tilfet id-dritt esklussiv tagħha li tipprovi servizzi ta' telekomunikazzjoni tal-voċi fissi u s-suq tal-komunikazzjoni elettronika Grieg kien liberalizzat għal kollox.
- (98) F'dan ir-rigward, ma jistax ikun eskluż li n-numru kbir ta' impjegati seta' ppermetta lil OTE, speċjalment waqt is-snin kritiċi qabel u immedjatament wara l-liberalizzazzjoni sħiħa, biex tiżgura u żżomm il-pożizzjoni dominanti tagħha u tkompli tkun preżenti virtwalment fit-taqsimiet kollha tas-suq tat-telekomunikazzjonijiet elettroniċi.
- (99) Barra minn hekk, kif intqal fil-paragrafu 93, il-kunċett ta' għajjnuna fl-Artikolu 87(1) KE jkopri biss miżuri li jħaffu t-tagħbijiet normalment assunti f'baġit ta' impriża u li mhumiex meqjusin bħala vantaġġ ekonomiku li l-impriża destinatarja ma kinitx takkwista taħt kondizzjonijiet normali tas-suq <sup>(41)</sup>.
- (100) F'dan ir-rigward, għandu jiġi ddikjarat li skond il-każistika, l-ispejjeż għall-impriża li jirriżultaw minn ftehimiet kollettivi, konklużi bejn min iħaddem u t-*trade unions*, li l-impriża huma marbutin li josservaw, jew għaliex huma ikkonformaw ma' dawk il-ftehimiet jew għaliex dawk il-ftehimiet kienu estiżi b'regolament, huma spejjeż li huma inklużi, min-natura tagħhom, fil-baġits ta' l-impriża <sup>(42)</sup>.
- (101) Għalkemm, kif innotat fil-paragrafu 93, ir-regoli tax-xogħol li ġew imposti mill-OTE huma tassew eċċezzjoni għal-liġi tax-xogħol ordinarja applikata s'issa lil kwalunkwe kumpanija privata oħra fil-Greċja, u li l-istatus ta' permanenza u s-salarji għoljin garantiti lill-impjegati ta' l-OTE ma kinux fir-realtà r-riżultat ta' ftehim kollettiv negozjat b'mod ħieles, iżda kienu imposti fuq il-kumpanija mill-Istat innifsu, il-Kummissjoni tinnota li fl-ebda żmien minn meta l-OTE saret kumpanija kkwotata ma kien hemm indikazzjoni mill-awtoritajiet Griegi li r-responsabbiltajiet taħt il-liġi tax-xogħol ta' l-OTE m'għandhomx ikunu inklużi fil-baġit normali tal-kumpanija jew li l-Istat ikollu jikkumpensa lill-OTE għall-ispejjeż addizzjonali tal-permanenza u s-salarji għoljin imposti mil-liġi fuqha. Bl-istess mod, il-valutazzjoni ta' l-istokk ta' l-OTE kienet ukoll ibbażata fuq is-suppożizzjoni li l-ispejjeż tal-permanenza u tas-salarji għoljin ta' l-OTE huma normalment inklużi fil-baġit ta' l-OTE.
- (102) Dan ir-raġunar, eżaminat flimkien mal-konklużjonijiet fis-sentenza *Combus* iwassal għall-konklużjoni li l-miżura konċernata tista' titqies bħala għajjnuna. Madankollu, din il-kwistjoni ma teħtieġx aktar li tibqa' tiġi indirizzata, peress li għar-raġunijiet spjegati f'aktar dettal hawn isfel, hija fi kwalunkwe każ kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat.

#### VII. KOMPATIBILTÀ TA' L-GĦAJNUNA MAS-SUQ KOMUNI

- (103) Il-Kummissjoni tinnota li l-kontribuzzjoni ta' l-Istat prevista għall-ispejjeż tal-VRS ta' l-OTE hija parti minn pjan usa' ta' l-awtoritajiet Griegi biex jirristrutturaw r-reġim ta' l-impjeg applikabbli għall-OTE sabiex jiggarantixxi l-vijabbiltà tagħha fuq medda ta' żmien twil u biex itejbu l-funzjonament tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Il-VRS għalhekk tidher bħala pass meħtieġ lejn aktar privatizzazzjoni ta' l-OTE.
- (104) Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-miżura mas-suq komuni teħtieġ li tkun ibbażata direttament fuq l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE li jiddikjara li: "għajjnuna maħsuba biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajjnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni" tista' tkun ikkunsidrata bħala kompatibbli mas-suq komuni.
- (105) Sabiex għajjnuna tkun ikkunsidrata kompatibbli mas-suq komuni minħabba li tippromwovi l-iżvilupp ta' l-attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, hija għandha ttejjeb il-mod kif titwettaq l-attività ekonomika. L-għajjnuna hija kompatibbli biss skond l-Artikolu 87(3)(c) kemm-il darba ma taffettwax ħażin il-kondizzjonijiet tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess komuni. Fit-twettiq ta' din l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-kriterju tan-neċessità u tal-proporzjonalità <sup>(43)</sup>.

<sup>(41)</sup> Kawża 173/73 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* [1974] Ġabra 709, paragrafu 26; Kawża C-387/92 *Banco Exterior de España* [1994] Ġabra I-877, paragrafi 12 u 13; u Kawża C-280/00 *Altmark Trans and Regierungspräsidium Magdeburg* [2003] Ġabra I-9919, paragrafu 84, u l-każistika kkwotata hemmhekk

<sup>(42)</sup> Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-4397, paragrafu 40.

<sup>(43)</sup> Il-Kawża T-187/99 *Agrana Zucker und Stärke AG vs Il-Kummissjoni*, [2001] Ġabra I-1587, paragrafu 74

(a) *Il-miżura hija konformi ma' l-interess komuni*

- (106) Il-miżura nnotifikata, billi sseraħ lill-OTE mill-ispejjeż żejda li hija ġġorr bħala impriża li qabel kienet impriża pubblika, minħabba l-istatus ta' impjegat permanenti u s-salarji għoljin tal-persunal tagħha, ser tippermetti lill-kumpanija biex topera liberament fis-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li ġie lliberalizzat għal kollox u biex twettaq l-aġġustamenti meħtieġa biex tirrispondi għall-iżviluppi tas-suq u oħrajn teknoloġiċi li jaffetwaw il-vijabilità tal-kumpanija fuq medda ta' żmien twil.
- (107) Partikolarment, it-tnaqqis ta' madwar terz tal-persunal ta' l-OTE permezz tal-VRS, flimkien mal-kunsens ta' l-impjegati li titneħħa l-permanenza għal impjegati ġodda bi skambju mal-pakkett ta' rtirar kmieni offert mill-OTE, huma komponenti ewlenin tal-miżuri ġenerali ta' ristrutturatur ta' l-OTE li għandhom jiggarrantixxu li l-kumpanija tkun trendi tajjeb, topera b'mod effiċjenti u tiġi pprivatizzata aktar. S'issa, l-istatus ta' impjegat permanenti ta' l-impjegati ta' l-OTE, in-numru eċċessiv tagħhom u r-reġim ta' salarju għoli fiss applikat għalihom jikkostitwixxu ostakli ewlenin għal aktar privatizzazzjoni tal-kumpanija u l-ħruġ ta' l-Istat Grieg mill-OTE.
- (108) It-trasformazzjoni ta' l-OTE, minn kumpanija li kienet waħda monopolista għal kumpanija li hija soġġetta għall-istess qafas legali bħal kwalunkwe operatur privat ieħor fil-Greċja, u r-rilaxx maħsub sussegwenti mill-Istat Grieg tal-kontroll tiegħu fuq il-kumpanija, ittejjeb l-operat tas-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi Grieg, tnaqqas l-ostakli ta' dħul u ħruġ fis-suq<sup>(44)</sup> u hija ta' benefiċċju fit-tul għall-konsumaturi finali.
- (109) Għalhekk il-kontribuzzjoni finanzjarja pplanata ta' l-Istat Grieg għall-ispejjeż tal-VRS hija konformi ma' l-interess komuni.

(b) *L-għajjnuna hija l-istrument adatt*

- (110) Fil-bidu ta' l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni esprimiet riżervi rigward il-ħtieġa tal-VRS preżenti b'referenza għall-VRS preċedenti oħrajn li kienu ffinanzjati għal kollox mill-OTE.

<sup>(44)</sup> Dawn il-barrieri huma dovuti għall-fatt li d-dħul fis-suq Grieg tal-mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi permezz tal-ksib ta' l-OTE, għalissa huwa ostakolat mill-kondizzjonijiet tax-xogħol eċċezjonalment inflessibbli li huma applikabbli għall-OTE, u għall-fatt li l-impjegati tagħha de facto jgawdu status ta' permanenza, li jipprewjen lill-OTE milli tittieħed minn operaturi tan-negozju oħrajn. Bl-istess mod, għall-istess raġunijiet, il-ħruġ mis-suq fil-forma ta' tneh-hija tal-kontroll mill-Istat, għalissa jidher improbabbli ħafna.

- (111) Partikolarment, l-investigazzjoni wriet li sa mill-1996 u sa l-2004, l-OTE ppremettiet li 8 173 impjegat jirtiraw kmieni. Madankollu, dawn il-VRS annwali iżgħar (medja ta' 900 impjegat fis-sena) kienu offruti biss lil impjegati li diġà kienu intitolati għal pensjoni iżda li setgħu jkomplu jaħdmu sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet għal irtirar kmieni<sup>(45)</sup>. Konsegwentament, dawn il-VRS passati ma nvolwewx ir-rikonoxximent ta' xi snin nozzjonali lill-impjegati kkonċernati u għalhekk ma jistgħux jitqabblu mal-VRS preżenti safejn huma involuti l-istruttura u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. F'dak is-sens, il-VRS preċedenti implimentati mill-OTE ma kinux differenti minn VRS ekwivalenti implimentati minn kwalunkwe kumpanija privata jew il-VRS "regolari" attwali ta' l-OTE<sup>(46)</sup>.

- (112) Fil-każ preżenti, peress li l-VRS kienet sempliċiment toffri rtirar kmieni biss lill-impjegati li kienu intitolati għal pensjoni iżda li għadhom ma laħqux l-età obligatorja tal-pensjoni, ma kinitx twassal kemm li tittieħed mill-ogħla numru possibbli ta' impjegati eliġibbli li xorta kienu jippreferu li jibqgħu fl-impjegat sabiex jirċievu l-pensjoni massima possibbli<sup>(47)</sup>.

- (113) F'dawn iċ-ċirkostanzi, id-deċiżjoni ta' l-OTE li tirrikonoxxi sa 7 snin nozzjonali ta' servizz lill-impjegati kollha li mbagħad ikunu soġġetti għal irtirar obligatorju bejn l-2005 u l-2012 u għalhekk toffrilhom l-għażla ta' rtirar kmieni b'pensjoni sħiħa, hija ppreżentata bħala l-uniku mezz li x'aktarx iwassal għar-rilaxx fil-ħin ta' numru sinifikanti ta' impjegati. Fil-fatt, impjegat li jgawdi status ta' kważi-impjegat ċivili jiddeċiedi biss li jħalli lill-kumpanija jekk min jimpjega joffri l-inċentivi xierqa għal dak il-għan. L-OTE għalhekk kellha bżonn toffri ta' l-inqas kumpens adegwat għall-benefiċċji ekonomiċi li impjegat kien ikompli jgawdi kieku baqa' taħt il-protezzjoni tal-permanenza. L-użu sussegwenti b'suċċess li sar mill-VRS (madwar 91 % ta' l-impjegati eliġibbli) jikkonferma li l-inċentivi addizzjonali offruti mill-OTE lill-impjegati tagħha fil-forma ta' snin nozzjonali ta' servizz rikonoxxuti huma strument xieraq.

<sup>(45)</sup> Per eżempju impjegati bi 30 sena servizz (dritt għal pensjoni) setgħu jkomplu jaħdmu sakemm jilhq u l-età ta' 58 sena jew meta jkunu għamlu 35 sena ta' servizz, liema waħda minnhom isseħħ l-ewwel. Tali impjegati jagħżlu aktar li jkomplu jaħdmu sa l-irtirar obligatorju sabiex iżidu l-bażi li fuqu tiġi kkalkulata l-pensjoni tagħhom. Kif qalu l-awtoritajiet Griegi, is-salarji jiżiedu b'rata aktar għolja mill-pensjonijiet u l-impjegati ta' l-OTE jippreferu b'mod ġenerali li jkomplu jaħdmu għall-kumpanija minħabba li l-pensjonijiet huma kkalkolati fuq il-bażi ta' l-aħħar salarju.

<sup>(46)</sup> Kif imsemmi fuq fil-paragrafu (56), il-VRS "regolari" tikkonċerna biss impjegati li diġà akkwistaw id-drittijiet tal-pensjoni iżda li s'issa għadhom ma qdewx il-kondizzjonijiet għal irtirar mandatorju. Il-VRS regolari ma tinvolvx snin "nozzjonali" u għalhekk l-ispejjeż tagħha m'humiex koperti mill-kontribuzzjoni ta' l-Istat Grieg.

<sup>(47)</sup> Ara nota ta' qiegħ il-paġna 34.



- (114) L-OTE ma setgħetx tirrikorri mill-ġdid għal miżuri li jiswew inqas, bħal pjan ta' *redundancy*, għaliex l-impjegati ta' l-OTE kien ikollhom jaċċettaw li jtilfu l-istatus tagħhom ta' impjieg għal għomorhom bi skambju ma' kumpens aktar baxx minħabba *r-redundancy*. Lanqas ma seta' l-istatus permanenti ta' l-impjegati ta' OTE jiġi abolit retroattivament sabiex OTE tkun tista' twettaq skema obbligatorja għal ħaddiema li m'għadhomx meħtieġa għaliex, kif spjegaw l-awtoritajiet Griegi, tali għażla kienet tqajjem kwistjonijiet legali u kostituzzjonali serji ħafna li kienu jmorru kontra r-istrutturar kollu ta' l-OTE.
- (115) Barra minn hekk, tista' ssir analoġija bejn il-każ preżenti u l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar *l-istranded costs* fis-settur ta' l-enerġija <sup>(48)</sup>. L-*istranded costs* jirriżultaw meta l-operatur b'responsabbiltà jżomm spejjeż assoċjati mal-fatt li huwa fornitur b'responsabbiltà iżda m'huwiex aktar kapaċi jirkuprahom għaliex hemm kompetituri ġodda li qed jaqdu s-suq bħala riżultat tal-liberalizzazzjoni.
- (116) Għalhekk, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat Grieg lill-VRS tista' b'analoġija tiġi trattata b'mod simili bħala kumpens għal spejjeż mhux rekuperabbli, għar-raġunijiet li ġejjin. L-istatus permanenti speċjali ta' l-impjegati ta' l-OTE huwa marbut mas-sitwazzjoni monopolistika preċedenti fejn is-suq kien għadu mhux liberalizzat. Dak iż-żmien dan ir-reġim speċjali ma wassalx għal diffikultajiet sakemm l-OTE operat f'ambjent monopolistiku. L-OTE kellha spejjeż oġhla meta mqabbla ma' oħrajn iżda kienet protetta minn kwalunkwe kompetizzjoni intra-industrijali. Sa mil-liberalizzazzjoni tas-suq Grieg tat-telekomunikazzjoni, dan ir-reġim speċifiku ta' l-impjegati gradwalment sar piż għall-OTE li jaffettwa l-kompetittività tagħha. Il-permanenza speċifika ta' l-impjegati, jiġifieri r-reġim ta' kważi-impjegati ċivili, jirrappreżenta spiża tal-paga addizzjonali għall-OTE li l-kompetituri ma jgorrux <sup>(49)</sup>.
- (117) Għaldaqstant, id-deċiżjoni mill-awtoritajiet Griegi li jiffinanzjaw l-ispejjeż tal-VRS li jirriżultaw mill-ispejjeż tal-permanenza u s-salarji għoljin ta' l-OTE hija konformi mal-ħtieġa tan-neċessità għaliex tippermetti lill-OTE li tirruttura l-operazzjonijiet tagħha b'mod simili għal dawk ta' kumpanija privata mingħajr ma jkollha tkun responsabbli għall-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-perjodu ta' qabel il-liberalizzazzjoni.
- (ċ) *Proporzjonalità*
- (118) Il-kontribuzzjoni ta' l-Istat tikkumpensa lill-OTE biss għall-ispejjeż tal-permanenza u s-salarji għoljin li ġejjin mis-snin nozzjonali addizzjonali li huma rikonoxxuti lill-impjegati li jkunu laħqu l-età obbligatorja ta' l-irtirar mill-2005 sa l-2012. Partikolarment, l-Istat Grieg ma jintervjenix biex jiffinanzja r-responsabbiltajiet ta' pensjonijiet eżistenti ta' l-OTE jew biex ikopri kwalunkwe tip ta' defiċit tal-pensjoni li kellu jittieħed mill-kumpanija. L-OTE ħallset bis-sħiħ il-kontribuzzjonijiet passati ta' l-impjegati tagħha rigward it-TAP-OTE u qed tħallas ukoll l-ispejjeż kollha tal-VRS, sad-data effettiva ta' l-implimentazzjoni tal-VRS bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż li kumpanija privata ma kienx ikollha ġġorr kieku kellha tieħu miżuri simili biex tnaqqas l-ammont tal-ħaddiema tagħha.
- (119) Għalhekk, l-Istat Grieg qed jittrasferixxi 4 % ta' sehmu f'OTE fil-Fond tal-pensjoni sabiex jiffinanzja l-ispejjeż tal-VRS li jirriżultaw mill-fatt li l-pensjonijiet ta' dawk eliġibbli għall-VRS mhumiex kalkulati abbażi tas-sena tat-tluq reali tagħhom iżda abbażi tas-sena li fiha kienu jirtiraw kieku għażlu li jieħu benefiċċju sħiħ mill-istatus ta' permanenza tagħhom. Fi kliem ieħor, l-Istat qed essenzjalment jiffinanzja l-pensjonijiet futuri ta' min iħaddem u ta' l-impjegat li jikkorrispondu għas-snin nozzjonali li qed jiġu rikonoxxuti lil dawk li qed jibbenefikaw mill-offerta tal-VRS.
- (120) Il-kontribuzzjoni ta' l-Istat għandha wkoll tkun evalwata fil-kuntest tal-ftehim usa' mil-huq mit-tmexxija ta' l-OTE u l-impjegati tagħha, fejn bi skambju għall-inċentivi ġenerużi mogħtija għal irtirar kmieni, l-impjegati ta' l-OTE qablu li jitneħħa l-istatus ta' impjieg permanenti għal impjegati ġodda. Kieku l-istatus ta' impjieg ta' l-impjegati futuri ta' l-OTE baqa' mhux mibdul, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat ma kien ikollha l-ebda effett fuq il-vijabbiltà fuq medda ta' żmien twil tal-kumpanija għaliex l-impjegati futuri kienu jinnewtralizzaw kwalunkwe tneħħija ta' spejjeż fuq medda ta' żmien qasir li l-OTE kienet tikseb permezz tal-VRS.
- (121) Il-karattru proporzjonali ta' l-għajjnuna in kwistjoni jiddependi wkoll fuq li jkun l-ewwel aċċertat li (a) l-awtoritajiet Griegi ikkwantifikaw adegwament l-ispejjeż addizzjonali li l-OTE jkollha ġġorr minħabba l-permanenza u s-salarji fissi għoljin tal-persunal li jieħu vantaġġ mill-offerta tal-VRS, u (b) li l-kontribuzzjoni ta' l-Istat ma tagħtix kumpens żejjed lill-OTE.

<sup>(48)</sup> Ara fuq, nota 20 ta' qiegħ il-paġna.

<sup>(49)</sup> Għandha ssir referenza wkoll għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-Każ ta' l-EDF (ara fuq, nota 16 ta' qiegħ il-paġna). Fl-EDF, il-Kummissjoni ddikjarat kompatibbli miżura li biha Franza rrilaxxat intrapriżi fis-setturi Franċiżi ta' l-elettriku u tal-gass mill-ħlas ta' xi wħud mid-drittijiet tal-pensjoni speċifiċi li l-impjegati kienu akkwistaw fil-passat, fi żmien meta l-kumpaniji kienu qed joperaw taħt monopolju legali. Il-Kummissjoni kkunsidrat li f'dak iż-żmien il-kumpaniji kienu protetti minn kwalunkwe kompetizzjoni intra-industrijali u għalhekk setgħu jġorr d-drittijiet oġhla tal-pensjoni mingħajr ma jsofru kwalunkwe żvantaġġ ekonomiku sinifikanti. Il-Kummissjoni għarfet, li dawn ir-"responsabbiltajiet ta' l-imgħoddi" irrappreżentaw diffikultà sinifikanti għal dawn l-intrapriżi, ladarba kienu qed joperaw fkompetizzjoni ma' intrapriżi oħrajn ta' l-elettriku u l-gass li ma kellhomx iġorru spejjeż simili mill-imgħoddi (para. 143 tad-Deċiżjoni). Il-Kummissjoni qieset l-għajjnuna mogħtija "bil-ħsieb ta' tali reorganizzazzjoni settorjali" bħala neċessarja u proporzjonali fuq il-bażi li l-aspetti l-oħrajn tar-riforma settorjali ma kinux jinvolvu għajjnuna mill-Istat (par. 146 tad-Deċiżjoni). Għalkemm fil-każ preżenti, l-Istat Grieg ma jikkompensax lill-OTE għal responsabbiltajiet ta' l-imgħoddi fir-rigward tal-pensjonijiet u l-miżura lanqas m'hija mmirata lejn riorganizzazzjoni settorjali usa', il-prinċipji stabbiliti fl-EDF huma applikabbli b'analoġija.

- (i) L-ispejjeż addizzjonali ta' l-OTE
- (122) Abbażi ta' l-informazzjoni dettaljata ppreżentata mill-awtoritajiet Griegi, l-ispejjeż nominali tal-VRS, kif iċċertifikat minn KPMG skond id-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji ta' l-IFRS iċċertifikati ta' l-OTE għall-2005, huma ta' EUR 1 161,8 miljun.
- (123) Skond l-istudju mwettaq mis-CRA International (ara l-paragrafu 65), l-NPV tal-VRS huwa ta' EUR 1 086,2 miljun. Meta jitqiesu l-benefiċċji fiskali għall-OTE li jirriżultaw mit-tnaqqis li għandu jsir għall-finijiet tat-taxxa korporattiva, is-CRA stmat l-NPV ta' wara t-taxxa tal-VRS fl-ammont ta' EUR 784,3 miljun.
- (124) Is-CRA International ibbażat il-kalkoli tagħha ta' l-NPV fuq rata ta' skont ta' 3 % li tikkorrispondi għar-ritorn tat-titoli ħelsin mir-riskju. Dan l-approċċ jikkontrasta mas-sottomissjonijiet ta' Novembru 2005 ta' l-awtoritajiet Griegi li kienu bbażati fuq il-WACC ta' l-OTE stmat bħala 7,8 %. Is-CRA International ma tiċħadx li l-WACC tista' tintuża bħala rata ta' skont. Hija tikkunsidra, madankollu, li jekk huwa minnu li l-użu tal-WACC jirrifletti r-riskju tas-soltu li kumpanija tkun esposta għalih waqt l-eżerċizzju tan-negozju tagħha, fil-każ preżenti l-ħlas tas-salarji u l-pensjonijiet ta' l-impjegati ta' l-OTE huwa ħieles minn kwalunkwe inċertezza għaliex is-salarji jsegwu skala tas-salarji stretta u r-reviżjoni annwali tagħhom 'il fuq mhijiex korrellata mal-prestazzjoni ekonomika ta' l-OTE nnifisha. Madankollu, għall-finijiet ta' komplettezza, is-CRA International ikkalkulat ukoll l-NPV tal-VRS b'referenza għall-WACC ta' l-OTE u tikkonkludi li l-NPV tal-VRS huwa ta' EUR 704,8 miljun.
- (125) Il-Kummissjoni tikkunsidra li valutazzjoni bbażata fuq il-WACC ta' l-OTE (7,8 %) hija konformi mal-prattiċi ġenerali f'dan il-qasam (kif hu rikonoxxut ukoll mis-CRA International innifisha) u konformi wkoll mas-sottomissjonijiet ta' qabel ta' l-awtoritajiet Griegi. Għalhekk, l-NPV tal-VRS għandu jkun ta' EUR 704,8 miljun.
- (126) Fuq is-suppożizzjoni li l-OTE ser tipprovdni pakkett ta' rtirar kmieni ekwivalenti għal 150 % tar-rekwiżit legali għal *redundancy*, iżda b'salarji privati (jiġifieri 33 % inqas minn dawk ta' l-OTE), is-CRA International tikkonkludi li l-NPV ta' tali skema jkun ta' EUR 314,4 miljun. Minn hemm isegwi li l-piż addizzjonali fuq l-OTE huwa ta' EUR 390,4 miljun (EUR 704,8 – EUR 314,4 = EUR 390,4).
- (127) Fil-ftuħ ta' l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni staqsiet lill-awtoritajiet Griegi biex jagħtu prova tal-propożizzjoni li l-kumpaniji privati kienu joffru pakketti ta' *redundancy* ekwivalenti għal 150 % tar-rekwiżiti legali minimi. L-awtoritajiet Griegi ippreżentaw ir-Rapport tal-Hay Group (ara l-paragrafu 61) skond liema, għalkemm ma kien hemm ebda tip ta' VRS fl-UE komparabbli ma' dak ta' l-OTE, ibbażat fuq intervisti u informazzjoni miġbura minn 40 kumpanija li qed joperaw fil-Greċja, bħala medja, il-pakkett ta' *redundancy* offrut minn kumpaniji privati lil impjegati bejn 51 u 62 sena (l-età tal-maġġoranza ta' l-impjegati ta' l-OTE li qed jipparteċipaw fil-VRS) huwa ugwali għal 150 % tar-rekwiżit legali minimu. Wara li eżaminat l-informazzjoni rilevanti ppreżentata mill-awtoritajiet Griegi, il-Kummissjoni m'għandha l-ebda raġuni biex tiddubita dwar il-validità tas-sejbiet tal-Rapport Hay.
- (128) Għalhekk, il-kalkolu mis-CRA International tal-piż addizzjonali ta' l-OTE (EUR 390,4 miljun) ibbażat fuq il-multiplikatur ta' 1,5 suġġerit mir-rapport Hay għandu jkun aċċettat bħala wieħed li għandu bażi tajba.
- (129) Il-mistoqsja li jmiss tiġi indirizzata hija jekk il-kontribuzzjoni ta' l-Istat Grieg taqbiżx il-"piż" addizzjonali għall-OTE stmat bħala EUR 390,4 miljun.
- (ii) Il-valur tal-kontribuzzjoni ta' l-Istat Grieg
- (130) Skond l-Artikolu 74(4)(a) tal-Liġi Nru 3371/2005, l-awtoritajiet Griegi jikkontribwixxu 4 % tal-kapital ta' l-ishma ta' l-OTE lit-TAP-OTE. Il-valur tal-kontribuzzjoni ta' l-Istat tal-Greċja lill-VRS jinħadem billi n-numru totali ta' l-ishma ta' l-OTE (490 582 879) jiġi mmultiplikat b'4 % u bil-prezz ta' l-għeluq ta' l-ishma ta' l-OTE, kif ikkwotat fil-Borża ta' Atena<sup>(50)</sup>.
- (131) Fid-data tal-pubblikazzjoni tal-Liġi Nru 3371/2005 (14 ta' Lulju 2005), il-prezz ta' l-għeluq ta' sehem ta' l-OTE kien EUR 16,35. F'dik id-data, il-kontribuzzjoni ta' l-Istat kkorrispondiet għal madwar EUR 315-il miljun. Sa minn dak inhar, il-prezz ta' sehem ta' l-OTE żdied gradwalment, u kien iwarja bejn EUR 23 f'nofs jannar ta' l-2007, għal EUR 21 fis-27 ta' Frar 2007. Għalhekk, fis-27 ta' Frar 2007, il-valur ta' l-ishma ta' 4 % miżmuma mill-Istat Grieg fl-OTE kien ta' madwar EUR 410 089 618.
- (132) Il-valur tal-kontribuzzjoni ta' l-Istat Grieg f'dik id-data kien aktar mill-ammont li jkkorrispondi għall-piż addizzjonali ta' l-OTE (EUR 390,4 miljun).
- (133) Fir-risposta tagħhom għall-ftuħ ta' l-investigazzjoni formali, meta tiġi kkunsidrata l-impossibbiltà li jkun previst il-prezz ta' l-għeluq futur ta' sehem ta' l-OTE, l-awtoritajiet Griegi ikkomettew ruħhom formalment li jirrevokaw il-Liġi Nru 3371/2005 jekk il-valur ta' l-ishma ta' 4 % kellu jaqbeż l-ammont ta' EUR 390,4 miljun fil-jum tat-trasferiment tiegħu lill-Fond tal-Pensjoni u li jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa oħra biex jiżguraw li l-valur ta' l-ishma li għandhom jiġu trasferiti lit-TAP-OTE ma jaqbiżx it-EUR 390,4 miljun.

(50) Jiġifieri, 19 623 315,16 × prezz ta' sehem ta' l-OTE.



(134) Għaldaqstant il-valutazzjoni tal-Kummissjoni fil-każ preżenti hija bbażata fuq l-impenn mogħti mill-Greċja li l-kontribuzzjoni prevista tagħha lit-TAP-OTE mhux ser taqbeż l-ammont ta' EUR 390,4 miljun li jikkorrispondu għall-ispejjeż addizzjonali tal-VRS għall-OTE, u li, jekk meħtieġ, hija għandha wkoll tirrevoka l-Liġi Nru 3371/2005.

### 1. Vantaġġi oħrajn

(135) Fil-ftuħ ta' l-investigazzjoni formali l-Kummissjoni ddikjarat li l-ispejjeż addizzjonali li l-OTE għorr minħabba l-istatus speċjali ta' l-impjegati tagħha ma jkunx neċessarjament jiġġustifika l-kontribuzzjoni ta' l-Istat jekk ikun ikkunsidrat li l-OTE setgħet ibbenefikat (jew tista' tkompli tagħmel dan) minn vantaġġi oħrajn li jinnewtralizzaw in-nefqa fuq il-VRS (ara paragrafu 47). Tali vantaġġi jistgħu jirriżultaw mill-istatus ta' l-impjegat speċifiku ta' l-impjegati ta' l-OTE, b'mod ġenerali, jew interventi speċifiċi, li jnaqqsu l-ispejjeż tax-xogħol ta' l-OTE għal taħt l-ispejjeż tax-xogħol ta' kumpaniji soġġetti għal-liġijiet tax-xogħol ġeneralment applikabbli (bħall-eżenzjoni minn ħlasijiet ta' qgħad jew ħelsien mill-obbligi ta' pensjonijiet). L-OTE tista' wkoll takkwista benefiċċji li ġejjin mill-pożizzjoni monopolistika preċedenti tagħha li jikkumpensaw l-iżvantaġġi riżultanti mill-ispejjeż żejda tal-VRS (partikolarment rigward in-netwerk fiss tat-telekomunikazzjoni).

#### (a) vantaġġi relatati mal-liġi tax-xogħol

(136) Il-Kummissjoni issa tikkunsidra li l-valutazzjoni ta' kompatibbiltà skond l-Artikolu 87(3)(ċ) ta' miżuri li jimmiraw li jikkumpensaw lil kumpanija li kellha monopolju għall-ispejjeż addizzjonali li ġejjin minn perjodu meta l-kumpanija kkonċernata operat taħt reġim monopolistiku għandu jkun limitat għal eżami ta' jekk din ta' l-aħħar ibbenefikatx, jew hijeġ qed tkompli tibbenfika, minn vantaġġi oħrajn ta' natura simili (bħal, fil-każ preżenti, vantaġġi oħrajn relatati mal-leġiżlazzjoni tax-xogħol li minnhom l-OTE tibbenfika) li jistgħu jinnewtralizzaw l-ispejjeż in kwistjoni.

(137) F'dan ir-rigward, il-rapport ikkummissjonat mill-Istat Grieg, tal-professur Levantis jikkonkludi li l-OTE ma tibbenfika minn ebda tip ta' vantaġġ relatat max-xogħol, u li rigward il-kumpliment, l-OTE hija soġġetta għall-qafas ġenerali tal-liġi tax-xogħol bħal kull kumpanija pubblika oħra b'responsabbiltà limitata. Barra minn hekk, kif mitlub mill-Kummissjoni fil-ftuħ ta' l-investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Griegi ikkonfermaw ukoll li l-OTE, bħal kull min iħaddem fil-Greċja, hija soġġetta għall-ħlas ta' kontribuzzjonijiet tal-qgħad skond il-leġiżlazzjoni applikabbli tas-sigurtà soċjali.

(138) Fil-ftuħ ta' l-investigazzjoni formali, il-Kummissjoni staqsiet ukoll jekk fil-passat l-OTE bbenefikatx minn ħelsien mir-responsabbiltajiet ta' pensjonijiet tagħha. Skond l-

informazzjoni ppreżentata mill-awtoritajiet Griegi, l-OTE qatt ma kienet eżentata jew meħlusa mill-obbligi tagħha relatati mal-pensjonijiet bħala entità li tħaddem<sup>(51)</sup>.

#### (b) Vantaġġi marbutin mal-kompetizzjoni

(139) Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kwistjoni dwar jekk għandhomx ukoll ikunu kkunsidrati vantaġġi oħrajn li ġejjin mill-pożizzjoni monopolistika preċedenti ta' l-impriża involuta tiddependi, essenzjalment, fuq jekk is-suq rilevanti kienx liberalizzat għal kollox fis-sens li jeżisti qafas legali jew regolatorju adatt biex jiżgura li l-kumpaniji li kellhom monopolju m'għadhomx igawdu xi privileġġi jew drittijiet esklussivi jew speċjali, u li d-distorsojnijiet attwali jew probabbli għall-kompetizzjoni jistgħu jkunu ffaċċjati effettivament taħt ir-rimedji regolatorji *ex ante* disponibbli u/jew taħt l-infurzar *ex post* tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni rilevanti.

(140) F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet mill-parti terza ffokaw essenzjalment fuq l-impjgħa antikompetittiva allegata ta' l-OTE fis-suq tat-telefonija tal-vuċi fissa u n-nuqqasijiet allegati ta' l-NRA li twettaq id-dmirijiet regolatorji tagħha.

(141) Il-Kummissjoni tinnotta li skond l-Artikoli 7 u 13 tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/21/KE tas-7 ta' Marzu 2002, dwar il-qafas regolatorju komuni għal netwerks u servizzi tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva Qafas)<sup>(52)</sup> l-NRA diġà nnominat lill-OTE bħala li għandha qawwa sinifikanti tas-suq fis-swieq kollha tat-telefonija fissa li huma inklużi fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-swieq rilevanti. Bħala riżultat, l-OTE bħalissa hija soġġetta għal sett ta' rimedji regolatorji integrati *ex ante* kemm fil-livell tal-bejgħ bl-ingrossa kif ukoll fil-livell tal-bejgħ bl-imnut. B'mod partikolari, l-OTE bħalissa hija obbligata li ttiprovdi lil partijiet terzi: (a) aċċess bl-ingrossa għan-netwerk fiss tagħha, (b) selezzjoni tat-trasportatur u pre-selezzjoni tat-trasportatur, (ċ) servizzi ta' tranżitu u sett sħiħ ta' servizzi tan-netwerk skond il-prinċipji tal-ġustizzja, raġonevolezza u puntwalità. Bħala operatur

<sup>(51)</sup> Għall-kuntrarju, f'serje ta' atti leġiżlattivi bejn l-1994 u l-2001 (Liġijiet 2257/1994, 2768/1999, 2843/2000, 2873/2000 u 2937/2001) l-Istat Grieg talab lill-OTE biex tagħmel ċerti pagamenti ad hoc (massimi) lit-TAP-OTE sabiex bihom ikopri d-defiċit operattiv tal-fond tal-pensjoni. B'mod partikolari, fl-2001 l-OTE kienet obbligata bil-liġi biex tħallas ammont ta' somma globali ta' 120 biljun GRD (madwar 4 miljun euro) biex tkopri d-defiċit ikkalkulat ta' TAP-OTE għas-sinjura 2002-2011. Meta wieħed jikkunsidra li l-OTE ma kellha l-ebda obbligu li tassigura l-vijabilità ta' TAP-OTE, dawn il-pagamenti saru b'żieda ma', u 'il fuq u lil hinn dawk li l-OTE, bħala entità li tħaddem, hija mitluba li tagħmel għal skopijiet tal-pjan tal-pensjoni.

<sup>(52)</sup> ĠU L 108 ta' l-24.4.2002, p. 33.

b'qawwa sinifikanti tas-suq fis-suq tal-linji fissi, l-OTE għandha wkoll l-obbligu ta' ma tiddiskrimax, l-obbligu tat-trasparenza, tas-separazzjoni tal-kontabilità u tal-verifika finanzjarja u hija soġġetta għal obbligu ta' kontroll tal-prezzijiet u ta' kontabilità ta' l-ispejjeż ibbażata fuq spejjeż inkrementali medji għat-tul abbażi ta' l-ispejjeż kurrenti ta' l-assi<sup>(53)</sup>. Dawn ir-rimedji jinsabu wkoll fir-regolament tas-swieq tal-linji mikrijin<sup>(54)</sup> u s-suq għall-aċċess *broadband* bl-ingrossa<sup>(55)</sup>. Barra minn dan, l-NRA imponiet fuq l-OTE prezzijiet ta' "*local loop unbundling*" (LLU) li bħalissa huma l-aktar baxxi fl-UE.

- (142) Ġeneralment, id-diversi obbligi ta' kontabilità ta' l-ispejjeż u tas-separazzjoni tal-kontabilità imposti fuq l-OTE għandhom l-għan li jiżguraw li l-OTE bħala kumpanija li qabel kellha monopolju ma tkunx tista' takkwista vantaġġ li jista' jdgħajef jew joħloq distorsjoni għall-kompetizzjoni fis-suq<sup>(56)</sup>.
- (143) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-NRA, sa mill-ftuħ ta' l-investigazzjoni formali, ħadet ukoll numru ta' miżuri *ex post* kontra l-OTE li minħabba ksur tal-qafas regolatur eżistenti jew tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni<sup>(57)</sup>.
- (144) Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, jidher ċar li l-qafas regolatorju settorjali eżistenti diġà jassigura fil-parti l-kbira li s-suq tal-komunikazzjoni elettronika

jaħdem sewwa u li m'hemm ebda vantaġġ għall-OTE li jirriżulta mill-pożizzjoni monopolistika preċedenti tagħha li m'huwiex trattat mill-imsemmi qafas, u li fi kwalunkwe każ, ebda tali vantaġġ kwantifikabbli ma nstab mill-Kummissjoni jew kien indikat minn parti terza.

(ċ) Eżenzjoni ta' l-OTE mit-taxxa tar-reklamar

- (145) Il-parti terza saħqet li l-OTE kienet eżentata mill-ħlas tat-taxxa tar-reklamar li kumpaniji oħra għandhom iħallsu għal kull reklam li jagħmlu fuq kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. Il-Kummissjoni tikkunsidra li fil-prinċipju dawn il-miżuri għandhom jiġu eżaminati separatament u mhux fil-kuntest ta' din il-proċedura. Il-Kummissjoni hija sodisfatta li fi kwalunkwe każ l-eżenzjoni msemmija ma pprokurat l-ebda vantaġġ lill-OTE<sup>(58)</sup>.

## 2. Rimarki ta' konklużjoni

- (146) Minn dak li ntqal isegwi li l-kontribuzzjoni ppjanata ta' l-Istat tal-Greċja għall-ispejjeż tal-VRS ta' l-OTE, sakemm ma taqbiżx il-piż addizzjonali impost fuq l-OTE dovut għall-ispejjeż ta' l-istatus ta' permanenza u s-salarji għoljin ta' l-impjegati tagħha, ikkalkulata li tammonta għal EUR 390 miljun, hija għajnuna li ssegwi għan ta' interess komuni b'mod neċessarju u proporzjonali mingħajr ma taffettwa ħażin il-kondizzjonijiet tal-kummerċ. Għalhekk, din hija kompatibbli ma' l-Artikolu 87(3)(ċ) tat-Trattat.

## VIII. KONKLUŻJONI

- (147) Għandu jkun enfasizzat li din id-deċiżjoni tfasslet abbażi ta' l-impenn espliċitu mogħti mill-awtoritajiet Griegi li huma se jirrevokaw il-Liġi Nru 3371/2005, jekk fid-data tat-trasferiment ta' l-ishma tagħhom ta' 4 % fl-OTE għat-TAP-OTE, il-valur ta' l-ishma hekk ittrasferiti jeċċedi l-ispejjeż addizzjonali tal-VRS ta' l-OTE kif verifikat u aċċettat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għaldaqstant waslet għall-konklużjoni li l-ispejjeż addizzjonali tal-VRS ta' l-OTE, minħabba l-istatus ta' impjegat għall-għomor u s-salarji fissi għoljin gawduti mill-persunal tagħha jammontaw għal EUR 390,4 miljun.

<sup>(53)</sup> Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (Ebda kummenti), każ EL/2006/0493 oriġini tas-sejħa minn netwerk pubbliku tat-telefonija previst f'lokazzjoni fissa, każ EL/2006/0494: oriġini tas-sejħa fuq netwerks pubbliċi individwali tat-telefonija previsti f'lokazzjoni fissa, u Każ EL/2006/0495: servizzi ta' transitu fin-netwerk pubbliku fiss tat-telefonija. [http://circa.europa.eu/Public/irc/info/ecctf/library?l=/el/da/adopted\\_measures&vm=detailed&sb=Title](http://circa.europa.eu/Public/irc/info/ecctf/library?l=/el/da/adopted_measures&vm=detailed&sb=Title)

<sup>(54)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Ebda kummenti) każ EL/2006/0372: aċċess *broadband* bl-ingrossa fil-Greċja.

<sup>(55)</sup> Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Ebda kummenti) każ EL/2006/0491: is-sett minimu ta' linji mikrijin fil-Greċja.

<sup>(56)</sup> Skond l-Artikolu 7.3 tad-Direttiva 2002/21/KE, il-Kummissjoni eżaminat ukoll id-deċiżjonijiet u r-rimedji msemmijin hawn fuq imposti mill-NRA fuq l-OTE u ma esprimiet l-ebda dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mal-liġi Komunitarja u partikolarment ma' l-oġġettivi msemmijin fl-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva Qafas, li fosthom hemm l-obbligu ta' l-NRA li jiżguraw permezz tas-setgħat deċiżjonali tagħhom li "mhemm ebda distorsjoni jew restrizzjoni għall-kompetizzjoni fis-suq tal-komunikazzjoni elettronika".

<sup>(57)</sup> Fid-29 ta' Novembru 2006 l-NRA imponiet multa totali ta' 3 miljun ewro fuq l-OTE, jiġifieri EUR 1 miljun għall-ksur tal-qafas regolatorju eżistenti (l-għażla minn qabel tal-*carrier*), u 2 miljun ewro għall-abbuż tal-pożizzjoni dominanti minħabba r-rifjut li jiġi pprovdut aċċess għan-netwerk, l-użu tal-qawwa fis-suq u l-abbuż tar-relazzjoni ta' dipendenza ekonomika. Finalment, f'Marzu 2007, bħala parti mill-proċeduri interim, l-NRA ħarġet żewġ ordnijiet interim wara petizzjoni ppreżentata minn ċerti fornituri alternattivi li l-OTE heddet li taqta' l-interkonnnessjoni tagħhom, billi invokat il-fatt li dawn il-fornituri allegatament kellhom djun kbar pendenti magħha. Bħalissa, din l-ordni tipprobixxi lill-OTE milli twaqqaf l-interkonnnessjoni sakemm l-NRA tiddeċiedi jekk il-klejn magħmula mill-OTE jistgħux jinġiebu fi proċedura ta' riżoluzzjoni ta' kwistjoni f'konformità mal-qafas regolatorju eżistenti. Ara l-istqarrija uffiċjali maħruġa mill-EETT fit-2 ta' Marzu 2007

<sup>(58)</sup> Kif ikkonfermaw l-awtoritajiet Griegi, jekk huwa minnu li fil-passat, l-OTE ma hallsix l-imsemmija taxxa, hija dejjem kienet fl-istess pożizzjoni bħall-kompetituri tagħha, peress li l-ebda fornitur ieħor ta' servizz ta' telekomunikazzjoni ma kien obligat iħallas l-imsemmija taxxa skond il-liġi Griega. Skond il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu tal-Liġi Nru 1264/1982, l-intrapriżi jew l-utilitajiet ta' natura pubblika kienu eżentati mill-ħlas tat-taxxa fuq ir-reklamar. Fl-2005, il-Qorti Amministrattiva tal-Prim'Istanza (Deċiżjoni Nru. 9564/2005), iddeċidiet li l-kunċetti ta' "servizz pubbliku" u "utilitajiet" kif deskritti fil-Liġi Nru 1264/1982 għandhom jiġu interpretati li jfissru li kwalunkwe operatur liċenzjat tat-telecoms li jipprovi servizzi ta' telekomunikazzjoni huwa eliġibbli għall-eżenzjoni mill-imsemmija taxxa fuq ir-reklamar indipendentement mill-istatus tiegħu bħala kumpanija pubblika jew privata. Konsegwentement, din l-eżenzjoni ma għaddiet l-ebda vantaġġ lill-OTE fuq il-kompetituri tagħha.

(148) Abbażi ta' l-impenn mogħti hawn fuq, il-Kummissjoni ssib li l-miżura eżaminata flimkien mal-każistika relatata, inkluż is-sentenza *Combust*, tista' titqies bħala għajjnuna. Madankollu, il-kwistjoni m'għandhiex għalfejn tiġi segwita aktar peress li, anke jekk il-miżura hija evalwata bħala għajjnuna, din hija fi kwalunkwe każ kompatibbli mas-suq komuni skond l-Artikolu 87(3)(ċ) tat-Trattat.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-4 % ta' ishma fl-OTE li l-Istat Grieg qed jippjana li jittrasferixxi lit-TAP-OTE, kemm-il darba l-valur tagħhom ma jeċċedix, fil-jum tat-trasferiment, l-ammont ta' EUR 390,4 miljun, jikkostitwixxu għajjnuna li hija kompatibbli mas-suq komuni fit-tifsira ta' l-Artikolu 87 (3) (ċ).

Jekk il-valur ta' l-4 % ta' ishma fl-OTE li l-Istat Grieg qed jippjana li jittrasferixxi lit-TAP-OTE jeċċedi fid-data tat-trasferiment l-ammont ta' EUR 390,4 miljun, il-Greċja għandha tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li TAP-OTE ma tirċievi ebda ammont li jaqbeż it-EUR 390,4 miljun.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Greċja.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*

### **NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.